Ħarġa nru. 70 - Jannar 2013

# SPORTIV

B'XEJN ma' l-orizzont

Magażin Sportiv ta' kull xahar



Draw għal Malta f'Cipru

f'paġna 14



Tiħrax l-sfida tal-Premier

f'paġna 16



Brian Cini jirbaħ fl-isnooker

f'paġna 46



## Għażliet Sportivi Nazzjonali

# Monty Bugeja ippremjat bl-ogħla unur

» Aktar f'paġna 40

• FUTBOL • BASKETBALL • MALTA FOOTBALL ASSOCIATION • KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT • STORJA TAL-FUTBOL MALTI • SNOOKER • GOZO SPORT •

TeamSporT®

IPPARTEĊIPA U IRBAĦ MA' TEAMSPORT


U*BET
Maltco
LOTTERIES
LIVE THE GAME...
www.maltco.com | Helpline: 2388 3333
PLAY RESPONSIBLY 18+



## Jannar

Bdejna sena ġdida u għaldaqstant il-Kampjonati ta' kull sport rispettiv jinsabu fin-nofs tal-istaġun tagħhom.

Bħal ma jiġri dejjem, l-attenzjoni prinċipali dejjem iddur fuq il-Kampjonat Premier hekk kif daħal fi stadju mill-aktar interessanti minħabba li jidher li t-taqtiegħa għar-rebħ tat-titlu se tkun missielta bejn it-tliet timijiet ta' Valletta, Hibernians u Birkirkara filwaqt li l-ġlieda għar-relegazzjoni se tkun bejn erba' timijiet.

Anke fil-basketball, ingħata bidu għat-tieni round fejn fil-Kampjonat tal-Ewwel Diviżjoni l-isfida għall-postijiet fil-Play-Offs hija inċerta.

Proprju għada se jingħata bidu wkoll għall-istaġun tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel.

Barra minn hekk, it-tim nazzjonali tal-Futbol tan-Nisa, kompla bis-serje ta' riżultati mingħajr telfa, meta kontra Ċipru, kiseb draw ta' 0-0.

Iżda l-avveniment prinċipal għal dan ix-xahar kien l-Għażliet Sportivi Nazzjonali organizzat mill-Kunsill Malti għall-iSport fejn Monty Bugeja (Drag Racing) rebħa l-ogħla unur.

Dan kollu ssibuh fl-aqwa magażin sportiv .....

**Jesmond Moore - Editur**




# Irbaħ ma'

TeamSporT®

Wieġeb tajjeb għal din il-mistoqsija u tidħol biċ-ċans li tirbaħ wieħed mit-tliet rigali ġentilment offruti lilna minn Teamsport...

**Min rebaħ l-ogħla unur tal-Għażliet Sportivi Nazzjonali?**

Ibgħat is-soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2013:

**Kompetizzjoni Teamsport, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000**

Flimkien mat-tweġiba trid tikteb l-isem u l-kunjom, l-indirizz u n-numru tat-telephone tiegħek.

*It-tweġiba ta' Ħarġa nru. 69 hija:*
**William Chetcuti**
*u r-rebbieħa huma (1) Andre Cutajar - Mellieħa (2) Peter Micallef - Floriana (3) Generosa Seychell*









AKTAR MINN €1,000 FI PREMIJIET BIL-LOTTERIJA



# IĠBOR U IRBAĦ

Bil-Fliexken Tal-Plastik

## IT-TLUGĦ LI JMISS 1 TA' FRAR

Ġemma' l-fliexken tal-plastik tax-xorb. Għal kull 10 fliexken li tieħu fis-*Civic Amenity Site* tingħata biljett tal-lotterija li titla' kull tlett xhur.

F'kull lotterija tista' tirbaħ: żewġ *vouchers* ta' €500-il wieħed mingħand Homemate, *weekend break* u ikla għal tnejn il-Hilton u żewġ *vouchers* ta' €50-il wieħed mingħand The Point.

www.wasteservmalta.com
www.facebook.com/WasteServ
Freephone: 8007 2200

10th ANNIVERSARY WasteServ
Fejn l-iskart ma jibqax skart

Ministry for Resources and Rural Affairs
www.mrra.gov.mt

Homemate

THE POINT SHOPPING MALL
TIGNÉ POINT

Hilton MALTA

L-impjegati ta' WasteServ Malta Ltd u/jew tal-isponsers kif ukoll il-familji tagħhom mhumiex eliġibbli biex jipparteċipaw. Termini u kundizzjonijiet oħra japplikaw.





SPORTIV


Ħarġa nru 70
SPORTIV
Magażin Sportiv ta' kull xahar

**Ippubblikat minn Union Print**
Union Print Co. Ltd
Marsa Tel: 25900265

**Editur**
Jesmond Moore
jesmondmoore@yahoo.co.uk

**Reklamar**
Alfred Caruana (Manager)
acaruana@unionprint.com.mt

Claudia Mifsud
sportivmalta@yahoo.com

**Ritratti**
Ray Attard, Charles Marsh, Roger Azzopardi, Stephen Gatt

*Cover - Monty Bugeja jirċievi l-ogħla unur fl-iSport Malta Awards*

UNION PRINT CO. LTD
SPORTIV stampat fil-Union Print Co. Ltd. Marsa - Malta


# Werrej


4 **MFA**
Inawgurat il-ground ta' Luqa SA

14 **Futbol tan-Nisa**
Draw għal Malta

16 **Premier League**
Tiħrax it-taqtiegħa bejn tliet timijiet

21 **L-Ewwel Diviżjoni**
Lija Athletic jaqbżu fl-ewwel post

23 **It-Tieni u t-Tielet Diviżjoni**
Żebbuġ R. jifthu vantaġġ ta' ħames punti f'ras il-klassifika / Marsaskala jsofru l-ewwel telfa

24 **Futsal**
Malta tispiċċa fl-aħħar post

26 **Youth FA**
Analiżi tal-Kampjonati YFA

28 **Kunsill Malti għall-Isport**
Għajnuna rekord lill-Għaqdiet Sportivi f'pajjiżna

38 **Hamstring Injuries**
Jikteb Dr. Kirill Micallef Stafrace

40 **Malta Sports Award**
L-Għażliet Sportivi Nazzjonali

42 **Gozo Sports**
Valletta jirbħu t-tielet edizzjoni tal-Gozo Cup

44 **Basketball**
Jintemm l-ewwel round

45 **Żwiemel**
L-istaġun jiġi fi tmiemu b'tiġrijiet interessanti

46 **Snooker/Pool**
Brian Cini jirbaħ il-European Under 17 Snooker Open

48 **Storja tar-Regatta**
It-Tiġrija tal-Vitorja (1990-1999)... Il-ħdax-il Parti

50 **L-Istorja tal-Futbol Malti**
Sliema W. jibqgħu jillidjaw minkejja b'partita inqas

52 **Spot the Ball u Tisliba**
Irbaħ ma' SPORTIV



Dan il-magażin jingħata B'XEJN mal-gurnal l-orizzont fl-aħħar Sibt ta' kull xahar u l-ebda parti minnu ma tista' tiġi kkoppjata mingħajr il-permess bil-kitba tal-pubblikaturi.



mfa.com.mt



# Luqa St. Andrew's
## jinawguraw il-ground il-ġdid li nfetaħ f'San Vincenz de Paule

**Grazzi għall-MFA u l-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u dak għall-Anzjani u l-Kura fil-Komunità, il-klabb ta' Luqa St. Andrew's, issa għandu faċilità sportiva li tinsab fil-qalba ta' San Vincenz de Paule.**

Apparti mit-tim ta' Luqa, il-ground se jintuża wkoll mill-impjegati u l-anzjani ta' San Vincenz de Paule. Dan il-ground sar wara talbiet li l-MFA u l-Gvern Ċentrali kellhom minn San Vincenz de Paule u Luqa St. Andrew's FC biex ikollhom faċilitajiet sportivi adekwati fejn tal-ewwel ikunu jistgħu jagħmlu attività fiżika u fejn il-membri tal-klabb tal-futbol ikunu jistgħu jilagħbu u jitħarrġu.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Clyde Puli, qal li l-Gvern iddeċieda li jgħaqqad iż-żewġ talbiet fi proġett wieħed biex jimmassimizza r-riżorsi u seta' jinvesti bi sħab mal-MFA, f'dan il-ground modern. Dan hu proġett ieħor li l-Gvern u l-MFA għamlu flimkien f'dawn l-aħħar ħames snin. B'kollox saru 40 ground ġdid u matul din is-sena se jsiru 12 oħra biex b'kollox ikunu tlestew 52 ground li qegħdin jitgawdew minn madwar 10,000 tifel u tifla rreġistrati fi ħdan in-nurseries lokali.

F'din l-okkażjoni saru wkoll diskorsi mis-Segretarju Parlamentari, Mario Galea, mill-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo u min-Nutar Carmel Martinelli, President ta' Luqa St Andrew's FC.

Iċ-ċerimonja tal-ftuħ bdiet b'diskors mill-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo. Huwa qal li l-klabb ta' Luqa kellu problema ta' nuqqas ta' art fejn seta' jsir ground, iżda wara li sab il-koperazzjoni tas-Segretarju Parlamentari għall-Anzjani, Mario Galea, biex jintuża spazju fis-SVPR, il-proġett tmexxa 'il quddiem anke bl-għajnuna kbira tas-Segretarju Parlamentari għall-Isport, Clyde Puli u l-Kunsill Malti għall-Isport biex issa din il-ħolma saret realtà.

Tkellem ukoll in-Nutar Carmel Martinelli, il-President tal-klabb, li qal li tul l-istorja tal-klabb kienu diversi l-postijiet li servew bħala ground għas-Saints iżda issa matul dawn l-aħħar snin il-klabb fetaħ tliet faċilitajiet li huma tiegħu b'kuntratt fit-tul, grazzi għall-għajnuna tal-Gvern u l-MFA biex hekk il-klabb jista' jħares 'il quddiem lejn futur sabiħ għall-faċilitajiet li għandu fejn it-tfal u ż-żgħażagħ jistgħu jitħarrġu.

Fid-diskors tiegħu, is-Segretarju Parlamentari Mario Galea, qal li l-ħaddiema li jaħdmu fir-residenza kienu wrew ix-xewqa li l-ground tar-ramel li kien hemm seta' jiġi rrangat biex il-ħaddiema jkollhom fejn jipprattikaw xi sport filwaqt li seta' jintuża wkoll mill-anzjani attivi tar-residenza. Din ix-xewqa ħabtet eżatt mal-mument meta Luqa St. Andrew's F.C, permezz







ta' Nathanael Falzon u Dr. Evan Camilleri, kienu identifikaw il-possibbiltà li l-MFA u s-Segretarjat Parlamentari għall-Isport jagħmlu l-ground f'dan l-istess spazju. Għalhekk din il-koperazzjoni bejn iż-żewġ awtoritajiet governattivi u l-MFA wasslet biex illum il-klabb ta' Luqa St. Andrew's, kif ukoll il-ħaddiema u r-residenti, għandhom post mill-aqwa fejn jipprattikaw l-isport u l-komunità tal-anzjani tista' tkompli titħallat ma' żagħżagħ li se jkunu qed jiffrekwentaw il-post.

B'hekk l-MFA kompliet iżżid fil-lista ta' klabbs li ingħataw fondi f'forma ta' investiment fil-faċilitajiet sportivi tagħhom biex it-tfal fi ħdan in-nursery jkunu jistgħu jitħarrġu u jipprattikaw il-futbol f'ambjent nadif 'il bogħod minn kull riskju li toffri l-ħajja.



## Rankings Mondjali tal-FIFA



# Malta tispiċċa s-sena 2012 għaxar postijiet ogħla minn kif spiċċat fis-sena 2011

**Malta temmet is-sena 2012 għaxar postijiet ogħla fir-Rankings tal-FIFA milli kienet spiċċat fl-2011. Wara r-rebħa ta' 1-0 kontra Liechtenstein, f'Novembru, Malta għalqet is-sena 2012 fil-146 post, li jfisser tliet postijiet ogħla mix-xahar ta' qabel.**

Malta taf dan il-progress li wettqet f'din il-klassifika għall-wirjiet tajba li kellha fil-logħbiet ta' ħbiberija fejn rebħet erba' konsekuttivi matul is-sena 2012. Ir-rebħiet waslu tnejn kontra t-tim nazzjonali tal-Liechtenstein, fi Frar u f'Novembru, u r-rebħiet barra minn darna kontra l-Lussemburgu u San Marino, f'Ġunju u f'Awwissu.

Malta se terġa' tilgħab logħba oħra ta' ħbiberija kontra l-Irlanda ta' Fuq, fis-6 ta' Frar. L-MFA u l-pubbliku sportiv Malti jittamaw f'riżultat ieħor pożittiv biex jitkabbar in-numru ta' rebħiet fil-logħbiet ta' ħbiberija. Wara din il-logħba, t-tim nazzjonali Malti mistenni jilgħab f'Marzu, barra minn darna, kontra l-Bulgarija, fit-22 ta' Marzu, u kontra l-Italja, f'Ta' Qali, fis-26 ta'Marzu, 2013.

# Żieda qawwija minn dawk li jużaw il-websajt tal-MFA




**F'Mejju tal-2012, il-Malta Football Association tat dehra friska u ġdida lill-websajt tagħha. Dan għen biex sar progress sostanzjali f'diversi oqsma relatati mal-istess sit elettroniku.**

L-istatistika turi li fl-ewwel sitt xhur il-figuri ta' dawk li daħlu fil-websajt kien għoli ħafna. Il-medja li dawk li daħlu f'xahar partikolari kien ta' aktar minn ħamsa fil-mija. Kien qawwi wkoll in-numru ta' dawk li daħlu fil-websajt kuljum.

Kienu reġistrati wkoll żidiet ta' 11 fil-mija ta' dawk li daħlu f'paġni partikolari u kien hemm żieda ta' 7 fil-mija minn dawk imsejħa viżitaturi uniċi.

Din hija prova ċara li l-websajt tal-MFA qed iżżid fil-popolarità. Dan japplika wkoll għall-paġna uffiċjali tal-Facebook – **Malta Football Association 1900** - li dan l-aħħar qabzet it-2k fin-numru ta' likes. Dan in-numru qed jikber kuljum.

Fil-fatt il-volum tat-traffiku fil-www.mfa.com.mt żdied sostanzjaliment bil-Facebook ikun l-akbar kontribut għal din iż-żieda.

Il-paġni tal-BOV Premier League u tat-tim nazzjonali kienu l-aktar partikolari. Popolari wkoll hija l-paġna tal-Match Live fejn l-akbar hits saru għal-logħbiet tat-Tazza tad-Dinja kontra l-Armenja u l-Italja. Intlaħqu wkoll figuri għolja meta, fit-12 ta' Jannar, intlagħbet il-logħba tal-kampjonat bejn Valletta u Birkirkara.

Kien hemm żieda sinjifikanti ta' 17 fil-mija fuq perjodu ta' sitt xhur fil-ħin ta' użu fil-websajt tal-MFA.

Minn meta reġgħet ingħatat libsa ġdida, fuq il-websajt tal-MFA kien introdott l-*Online Store*. Dan jagħti opportunità lil dawk li jridu jordnaw merchandising tal-MFA kemm minn Malta kif ukoll minn barra pajjizna. Kollox jindika li l-bejgħ minn din il-paġna sejjer tajjeb ukoll.

L-indikazzjoni hi li din il-websajt se tkompli tikber b'rata mgħaġġla għaliex meta jkun il-waqt se tkun introdotta data ġdida dwar il-kampjonati tal-MFA li fost l-oħrajn se jinkludu r-riżultati mill-Kampjonati tal-Youths.

Dan kollu juri biċ-ċar li l-investiment li qed tagħmel l-MFA fil-websajt biex tipprovdi servizz aħjar lill-membri tagħha u lill-pubbliku sportiv hu aktar milli ġustifikat.







# Festival għall-bniet tal-Iskejjel

**It-tieni festival tal-futbol għall-bniet tal-iskejjel għall-istaġun 2012/13, taħt l-awspiċi taċ-Ċentru Tekniku tal-MFA, sar fl-ewwel ġimgħa ta' Jannar, fil-Kulleġġ St. Martin bis-sehem ta' disa' skejjel li minnhom ħadu sehem 11-il tim u b'total ta' aktar minn 130 parteċipanta.**

Studenti minn età żgħira urew il-ħiliet tagħhom bil-ballun fost l-entużjażmu u d-divertiment minn dawk li ħadu sehem. It-temp sabiħ kompla żied l-atmosfera kkulurita, bil-logħob sar fuq tliet pitches fil-grounds tal-Kulleġġ.

Kull tim li ħa sehem kien taħt il-gwida tal-għalliem tal-Edukazzjoni Fiżika. Il-livell tal-logħob kien inkoraġġanti u l-logħbiet kienu prova li ħafna studenti bniet mhux biss għandhom għal qalbhom il-logħba u huma ggwidati fid-direzzjoni t-tajba, iżda wkoll li diġà jattendu f'xi nursery tal-futbol.

Fi tmiem l-avveniment, Jennifer Pace Hickey, il-ko-ordinatriċi tal-Edukazzjonji Fiżika fil-Kulleġġ St. Martin, kienet ippreżentata b'ballun iffirmat minn kull membru tat-tim nazzjonali tan-Nisa u bi blalen għall-użu tal-iskola b'rikonoxximent tal-appoġġ li ta l-Kulleġġ biex jospita dan il-festival fil-faċilitajiet sportivi tiegħu. Din il-preżentazzjoni saret mid-Deputat Segretarja Ġenerali tal-MFA (Youth

# Tkompli tikber il-popolarità tal-futbol fost il-bniet

**Attività li kompliet tkabbar il-popolarità tal-futbol fost il-bniet ta' età żgħira hija t-Tournament Gatorade organizzat mill-MFA fi ħdan iċ-Ċentru Tekniku.**

Tournaments organizzati regolarment huma ta' benefiċċju kbir, bl-aħħar avveniment tal-Gatorade jipprovdi pjattaforma għall-bniet li jieħdu sehem ma' subien tal istess età. Dan jgħin biex ikompli jiżviluppa l-progress ta' dawn il-bniet żgħażagħ fil-logħba.

Biex il-livell tal-bniet fil-futbol jibqa' jikber, l-MFA saħħet l-organizzazzjoni fi ħdan l-Akkademja tal-Bniet (U13), biex issa dawn jiltaqgħu darba fil-ġimgħa taħt il-gwida tal-kowċ Dorianne Theuma mgħejjuna minn Melania Bajada u Michelle Zahra.

L-għan tal-Akkademja huwa li tipprepara bniet biex jifformaw parti mill-futur tat-timijiet nazzjonali, filwaqt li tgħin fl-iżvilupp gradwali tat-tfal minn età tenera. It-tfajliet li jagħmlu parti mis-selezzjoni fi ħdan l-Akkademja qegħdin jingħataw attenzjoni wkoll għall-progress tekniku fil-kapaċitajiet bażiċi u t-tagħrif dwar il-logħba.

Meta mistoqsija dwar il-livell tat-tfal fi ħdan l-Akkademja, il-kowċ Dorianne Theuma saħqet, "Il-bniet jilagħbu futbol tajjeb ħafna u qegħdin juru teknika tajba. Jien kuntenta bil-prestazzjonijiet tagħhom u persważa li jistgħu jkomplu jitgħallmu f'ambjent san u nadif."

Theuma enfasizzat li l-logħbiet milgħuba kienu esperjenza pożittiva għal dawn iż-żgħażagħ.

Il-bniet issa qed iħarsu 'il quddiem li jestendu il-proċess ta' tagħlim li jawgura tajjeb għall-futur tagħhom u tal-logħba f'Malta.

Development & Grassroots), is-Sinjura Maria Mifsud.

Sar ukoll tqassim tal-ktieb 'L-istorja tal-Futbol Femminili f'Malta', tal-awtur Victor Ellul, lill-bniet kollha u lill-għalliema tagħhom. Il-bniet kienu eċċitati madwar Charlene Zammit, plejer tat-tim nazzjonali Malti, li bdiet tiffirma l-ktieb.

L-aħħar ġurnata għall-festival simili se tkun, it-Tlieta, 7 ta' Mejju, fiċ-Ċentru Tekniku, f'Ta' Qali, liema avveniment se jippromwovi attività mill-aqwa għal sport li qed jikber fil-popolarità fost l-istudenti bniet.

Ħmistax-il tim, minn ħdax-il skola differenti, qed jieħdu sehem fil-Festival għall-Iskejjel Primarji fl-istaġun 2012/13.

**Dawn l-iskejjel huma:**
San Anton - St Martin's - San Andrea Chiswick - St Francis B'Kara - St Joan Antide - Fgura Govt. School - Mosta Govt. School - St Catherine's School - St. Monica School - Theresa Nuzzo School





# Il-futur tal-futbol jinsab fil-logħba tan-Nisa

**Il-futur tal-futbol jinsab fil-logħba tan-Nisa. Dan stqarru dan l-aħħar il-President tal-FIFA, Sepp Blatter, li qal li n-nisa jistgħu jagħmlu dan l-isport iktar popolari fis-snin li ġejjin u jagħmluh aktar ikkulurit fil-kontinenti kollha.**




Il-progress fil-futbol tan-nisa kiber kemm mil-lat fiżiku kif ukoll mil-lat tekniku u dan qiegħed iwassal biex aktar nisa jipprattikaw il-logħba tal-futbol.

Malta mhux eċċezzjoni għal dan u f'pajjiż żgħir bħal tagħna, b'popolazzjoni ta' ftit aktar minn 400,000 persuna, it-timijiet madwar Malta u Għawdex qegħdin jiżdiedu. Fattur importanti biex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq huwa x-xogħol li jagħmel id-Dipartiment tan-Nisa tal-MFA, fejn qiegħed jaħdem ħafna fl-iskejjel u fost it-tfal bniet biex jippromwovi l-futbol femminili.

Ix-xogħol qiegħed isir b'tant professjonalità anki fis-selezzjonijiet tat-timijiet nazzjonali, tant, li t-tim nazzjonali qiegħed juri sinjali ta' vitalità u mhux b'kumbinazzjoni li dan it-tim mill-aħħar erba' logħbiet kiseb tliet rebħiet u draw, bl-aħħar riżultat ikun draw bl-iskor ta' 1-1 kontra Ċipru, f'Paphos.

Fis-27 ta' Diċembru, 2012, sar festival f'Ta' Qali, li attira 150 tifla, bejn is-6 u t-13-il sena. Fosthom ħadu sehem 45 tifla li qatt ma kienu lagħbu futbol qabel u għaldaqstant ma huma rreġistrati mal-ebda nursery lokali. Ħafna minn dawn ġew mill-iskejjel permezz ta' programmi li qed jitmexxew miċ-Ċentru Tekniku tal MFA.

Il-bniet li ħadu sehem ingħataw T-Shirt tal-FIFA u bħala ġest ta' inkoraġġiment ingħataw ukoll ballun f'każ li ntroduċew ħabiba għall-futbol. Il-Kap Eżekuttiv tal-MFA, Bjorn Vassallo u d-Direttur Tekniku tal-MFA, Robert Gatt, kienu preżenti għal dan l-avveniment u ppreżentaw l-għotjiet lit-tfajliet parteċipanti.

It-taħriġ kollu matul dan il-festival sar mill-kowċis tat-timijiet nazzjonali, minn dawk tal-Akkademja tal-MFA u mill-plejers tat-tim nazzjonali flimkien ma' kowċis ġejjin minn diversi klabbs lokali.

Robert Gatt, id-Direttur Tekniku tal-MFA, qal li f'dawn l-aħħar snin saret ħidma qawwija biex isir progress fl-iżvilupp tat-tim nazzjonali tan-Nisa u anki tal-Akkademja. Gatt saħaq li kull skwadra għandha jikkumplimentawha numru ta' kowċis ikkwalifikati u speċjalizzati.

Bjorn Vassallo, Kap Eżekuttiv tal-MFA, tenna li l-MFA temmen li f'Malta qed jitwassal il-messaġġ tal-FIFA u l-UEFA li l-futbol tan-Nisa qiegħed kontinwament jikber u l-MFA tinsab kommessa li tkompli tinvesti bil-qawwa fil-futbol tan-Nisa. Vassallo qal li n-numri jitkellmu waħedhom u dan jagħti kuraġġ kbir li l-promozzjoni u l-kampanji edukattivi mfassla mill-MFA qegħdin jagħtu l-frott. Finalment Vassallo rringrazzja lil dawk l-uffiċjali u l-kowċis li b'tant sagrifiċċju jaħdmu fil-qasam tal-futbol femminili.

Il-festival kien organizzat taħt l-awspiċi tal-MFA b'appoġġ mill-FIFA. Il-General Soft Drinks tat l-għajnuna tagħha lil dan l-avveniment billi pprovdiet ilma frisk għall-parteċipanti kollha.






# 16-il uffiċjal ippreżentat bil-FIFA Badge

**Fl-ewwel jiem tas-sena l-ġdida, id-Dipartiment tar-Refereeing tal-Malta Football Association, organizza attività importanti fil-lukanda Le Meridien, f'San Ġiljan, fejn matul il-laqgħa bosta referees f'diversi kategoriji rċevew il-badge tal-FIFA għas-sena 2013.**

Dan l-avveniment beda proprju s-sena l-ġdida fejn ir-referees internazzjonali ġew ippreżentati bil-badge tal-FIFA quddiem l-uffiċjali kollegi tagħhom, l-osservaturi, il-mentors u anke l-media.

Iċ-Chairman tal-Kumitat tar-Referees, is-Sur Charles Agius, għamel preżentazzjoni interessanti dwar il-funzjoni tal-assistenti referees li qed jintużaw kemm fil-logħbiet tal-UEFA kif ukoll f'kampjonati barranin.

Il-President tal-MFA, Norman Darmanin Demajo, meta kellem lil numru kbir ta' uffiċjali li attendew għal din il-laqgħa, qal li s-sena 2013 se tkun sena rekord bin-numru ta' 16-il uffiċjal fuq il-panel tal-FIFA miksub mis-sena li għaddiet. Huwa qal li l-ammont ta' 16-il persuna kkonfermati fuq il-panel tal-FIFA meta fl-istess waqt il-FIFA u l-UEFA qed jippruvaw inaqqsu n-numru ta' uffiċjali internazzjonali biex ir-referees ikunu allokati aktar logħbiet, fiha nnifisha hija ħaġa mill-aktar pożittiva.

L-akbar investiment fir-refereeing mill-MFA qed iħalli l-frott għaliex l-uffiċjali Maltin qed ikollhom wirjiet tajba fil-livell internazzjonali. L-ogħla lecturers mill-UEFA u l-FIFA innotaw ix-xogħol tajjeb li qed isir u l-president tal-MFA kkummenta b'mod favorevoli dwar dak li raw f'pajjiżna speċjalment dwar l-istruttura tar-refereeing fejn eks-referees internazzjonali u assistenti referees jikkontribwixxu biex ikun hemm set-up professjonali.

Il-President semma' wkoll xi proġetti li qed jitwettqu. Hu semma' s-suċċess tal-Akkademja tar-Referees li qiegħda fit-tieni sena tagħha, il-bdil ta' referees ma' diversi pajjiżi oħra fl-Ewropa f'dawn l-aħħar 18-il xahar fejn kważi r-referees u l-assistanti referees li jagħmlu parti mill-kategorija elite kienu kollha involuti, u semma' wkoll il-kwartieri l-ġodda għad-Dipartiment tar-Referees li jinsabu f'parti mis-Centenary Stadium.

Il-President tal-MFA irringrazzja lid-Direttur tar-Refereeing, is-Sur Adrian D. Casha, lill-Kumitat tar-Referees immexxi mis-Sur Charles Agius, ir-referees u l-assistanti referees kollha, l-osservaturi tar-referees u oħrajn fis-settur kif ukoll lill-Malta Football Referees Association li tat ħafna mill-ħin tagħha biex iżżomm magħquda lill-membri tagħha.

Imbagħad, il-President tal-MFA, ippreżenta l-badge tal-FIFA lil 16-il uffiċjal: Referees - Esther Azzopardi, Kevin Azzopardi (gdid), Marco Borg, Clayton Pisani u Alan Mario Sant

Assistent Referees - Alan Camilleri, William Debattista, Mariano Debono, Chris Francalanza, Mitchell Scerri, Edward Scerri, Ingmar Spiteri u Duncan Sultana (gdid).

Referee Futsal - Franco Cachia

Referees Beach Soccer - Stefan Pace u Jude Amin Utulu

Kevin Azzopardi u Duncan Sultana, ħadu sehem b'suċċess f'kors tal-UEFA fl-istagun 2010/11.

Il-President tal-MFA ippreżenta mementos lil żewġ uffiċjali, Christopher Lautier li kien referee tal-FIFA bejn l-2005 u l-2012, u lil Konrad G. Borg li kien assistent referee tal-FIFA bejn l-2002 u l-2012, għall-impenn tagħhom matul il-karriera internazzjonali tagħhom.

# L-MFA tipparteċipa bis-sħiħ f'żewġ attivitajiet għall-ġbir ta' fondi għall-karità









**Issa saret tradizzjoni li fi żmien l-istaġun tal-festi tal-Milied, l-MFA tikkollabora u tipparteċipa f'żewġ attivitajiet ta' ġbir ta' fondi b'risq il-Community Chest Fund. Dawn huma 'Gowl għall-Istrina' u t-tournament tradizzjonali tal-futbol organizzat mill-Għaqda Ġurnalisti Sport.**

L-MFA kienet involuta bis-sħiħ fil-'Gowl għall-Istrina', attività li saret fuq inizjattiva taż-żewġ stazzjonijiet li jagħmlu programmi dwar il-futbol lokali, jiġifieri Replay li jixxandar fuq Net TV u L-Argument li jixxandar fuq One TV.

Biex setgħet tkun organizzata r-raba' edizzjoni ta' 'Gowl għall-Istrina', l-MFA allokat is-Centenary Stadium għad-dispożizzjoni ta' din l-attività, li saret l-għada tal-Milied wara nofsinhar.

Għadd ta' plejers mill-Kampjonat Premier, l-Ewwel, it-Tieni u t-Tielet Diviżjoni ħadu sehem, bil-parteċipazzjoni ta' selezzjoni ta' plejers barranin li jilagħbu ma' klabbs lokali. Il-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tiegħu Dr. George Abela, żar din l-attività u sellem lil dawk kollha preżenti. Il-President ta' Malta kien milqugħ minn Bjorn Vassallo, Kap Eżekuttiv tal-MFA, Chris Micallef u Matthew Paris mill-programm Replay u Antvin Monsigneur mill-programm L-Argument. F'din l-okkażjoni inġabret is-somma sabiħa ta' €8,000.

Attività oħra għall-istess kawża kienet it-tournament annwali tal-futbol organizzat mill-GħĠS. Dan it-tournament sar ukoll fis-Centenary Stadium u ħadu sehem erba' timijiet li kienu selezzjoni mill-istaff tal-MFA u timijiet mill-Malta Football Coaches Association (MFCA), il-Malta Football Referees Association (MFRA) u l-Għaqda Ġurnalisti Sport (GħGS).

It-tim tal-MFCA rebaħ dan it-tournament b'punti massimi minn tliet partiti, bit-tliet timijiet l-oħra jirbħu logħba kull wieħed. Imma l-iktar importanti kien li minn din l-attività inġabret is-somma ta' €1415 għall-karità.

B'dan il-mod, l-MFA uriet is-solidarjetà tagħha mal-bqija tal-komunità Maltija biex jinġabru l-fondi għal kawża ġusta.

# Tingħata l-aħħar tislima lil George Micallef



## Persuna li kien dejjem leali fil-ħidma tiegħu fl-MFA

**Fl-għodwa, tat-3 ta' Diċembru 2012, ġriet l-aħbar fost iċ-ċrieki tal-MFA, li George Micallef ħalla din id-dinja wara marda qasira.**

George, magħruf aħjar bħala "Il-Bobby", qatta' ħafna żmien bħala l-Manager tal-Istadium Nazzjonali u għamel ukoll ħafna xogħol relatat mad-Dipartiment tal-Finanzi tal-Assoċjazzjoni.

Huwa kien ukoll fil-kariga ta' Assistent Teżorier tal-MFA, minbarra li kien jifforma parti mill-Kunsill tal-MFA u serva wkoll fil-Kumitat Eżekuttiv.

Fil-qadi ta' dmirijietu, George Micallef, dejjem kien effiċjenti u wettaq xogħlu b'dedikazzjoni kbira.

Is-Sur Micallef kien bniedem ta' prinċipji sodi u dejjem kien leali fil-ħidma tiegħu fi ħdan l-Assoċjazzjoni.

Apparti fl-MFA, George Micallef, għamel diversi snin jaħdem fl-amministrazzjoni ta' Qormi FC u kien isegwi b'passjoni kbira lit-tim favorit tiegħu ta' Tottenham Hotspur.

Mingħajr dubju, li George ħalla vojt kbir warajh fil-familja u fost il-mijiet ta' ħbieb li rnexxielu jagħmel permezz tal-futbol.

## RONNIE ATTARD

# Telfa kbira għall-futbol Malti



**Matul is-snin l-MFA kellha fi ħdanha nies dedikati li ħadmu bis-sħiħ biex iġibu progress fis-setturi kollha tal-logħba.**

Nies li ħadmu fis-settur tekniku, amministrattiv u r-referees minbarra l-uffiċjali għolja tal-Assoċjazzjoni ħadmu b'imħabba biex il-logħba timxi 'il quddiem f'pajjiżna.

Ronnie Attard, li għal diversi snin kien id-Direttur Tekniku tal-MFA, fejn anki ħadem fil-kariga ta' Manager tat-timijiet nazzjonali, żgur li jikkwalifika bħala wieħed minn dawk li ta servizz mill-aqwa lill-MFA.

L-aħbar tal-mewt tiegħu, fl-20 ta' Diċembru li għadda, kienet aħbar ħażina għal dawk kollha li kienu jafuh u għal oħrajn li gawdew mill-esperjenza tiegħu waqt il-ħidma twila li wettaq fil-futbol lokali.

Ronnie Attard kien persuna bi kwalitajiet umani eċċellenti. Huwa kien prattiku u effiċjenti f'xogħlu u dejjem kien ta' servizz għall-istaff tekniku u għal ħafna plejers li ħadem magħhom.

L-għajnuna tiegħu f'dawn is-setturi kellhom valur enormi u kien inissel relazzjoni ta' armonija bil-mod kif kien imexxi minn jum għal ieħor. Huwa baqa' ddedikat sal-aħħar jaħdem fi ħdan Luxol Sports Club.

L-MFA twassal pubblikament il-kondoljanzi tagħha lill-mara tiegħu Marlene, lit-tifla Lara u lill-familjari kollha tiegħu.


MALTA VS
N. IRELAND
International Friendly Match
Wednesday 6th February
National Stadium - Ta' Qali | 19:30
Tickets available online!
www.mfa.com.mt
GIVOVA
MALTA FOOTBALL ASSOCIATION · 1900 ·
IRISH FOOTBALL ASSOCIATION
NORTHERN IRELAND
Official National Team Sponsors
Preferred Commercial Partners
FXDD
CISK
GIVOVA
infront
MilesExpress
POWERADE ION
EXCELSIOR
MONTEKRISTO
starbene
BORTEX



Il-kontinġent Malti li mar Ċipru

# Draw għal Malta kontra Ċipru f'partita ta' ħbiberija

F'partita ta' ħbiberija, it-tim nazzjonali tan-Nisa, immexxi mill-kowċ Pierre Brincat, spiċċa fi draw ta' 1-1 kontra Ċipru, liema partita ntlagħbet f'Paphiako Stadium, f'Paphos.

Minkejja li l-prestazzjoni tat-tim Malti ma laħqitx il-livell tal-logħbiet preċedenti kontra l-Irlanda, l-Estonja u l-Lussemburgu, xorta waħda l-plejers Maltin kienu superjuri għall-avversarji għal bosta ħinijiet.

Fl-34 minuta, kienet Dorianne Theuma li fetħet l-iskor minn penalty meta Ylenia Carabott ġiet imwaqqa' fil-kaxxa avversarja mill-goalkeeper, Maria Nicolaoiu, li kellha tintwera l-karta l-ħamra minħabba li l-attakkanta Maltija kienet f'pożizzjoni li setgħet tiskorja.

Il-Maltin żiedu l-iskor minn daqqa ta' ras ta' Rebecca D'Agostino, li iżda, ġiet imċaħħda minn dak li deher gowl leġittimu.

Iċ-Ċiprijotti kisbu d-draw, erba' minuti mill-ftuħ tat-tieni taqsima, mill-attakkanta Dimitra Hadjivasili li dehret li kienet f'pożizzjoni dubjuża ta' offside.

*Malta*: Sharon Costantino, Gabriella Zahra, Rebecca D'Agostino, Dorianne Theuma, Ylenia Carabott, Rachel Cuschieri, Jade Flask (Natasha Pace 30), Antoinette Sammut (Nicole Buttigieg 77), Stephania Farrugia, Charlene Zammit, Emma Xuereb (Amber Grech 61)

*Ċipru*: Maria Nicolaoiu (Moutalena Christou 46), Maria Ioannou (Georgia Pittaka 40), Georgia Antoniou, Margarita Soforlpious, Dimitra Hadjivasili (Sofia Neardiou 79), Skevi Antoniou (Natasa Hadjivasili 50), Florentia Antoniou (Sara Papadopoulou 77), Loukritia Chrysortomou (Dora Modestou 64), Marilou Georgiu, Christiana Solomou, Georgia Xioufontos (Antri Violoni 40)

*Referee*: Yiannis Anastasiou (Ċipru)

Ass. *Referees*: Aggela Kyraikou, Niki Karagiorgi (Ċipru)

*Raba' Uff.*: Savvas Zafiris (Ċipru)

Il-formazzjoni inizjali ta' Malta





Il-formazzjoni inizjali ta' Ċipru

PROMPT SETTLEMENT OF CLAIMS

PROTECT
# YOUR CAR

LAFERLA
INSURANCE AGENCY LIMITED











Quality Cover...
at a **Laferla Price.**

**CALL 21 22 44 05**
**FOR A FREE QUOTATION**

FREE 24/7 ROADSIDE ASSISTANCE TO ALL MOTOR POLICY HOLDERS, VIA OUR DEDICATED CALL CENTRE.

Terms & Conditions Apply.

COM No 240412 640

**Laferla Insurance Agency Limited**
**Vincenti Buildings, Old Bakery Street, Valletta VLT 1453.**
**Tel: 2122 4405, 2124 2750, 2123 5485 Fax: 2123 0558**

**www.laferla.com.mt**

*agents for:*

MIDDLESEA
A MEMBER OF THE MAPFRE GROUP

Laferla Insurance Agency Limited is licensed to act as an insurance agent for Middlesea Insurance p.l.c. and both companies are authorised to transact insurance business by the Malta Financial Services Authority.




Miguel Ciantar (Sliema W.) jaqbeż lil William Barbosa (Valletta)

# Tiħrax it-taqtiegħa bejn tliet timijiet

Wara li ntlagħbet id-19-il ġurnata tal-Kampjonat Premier, it-tliet timijiet ta' Valletta, Hibernians u Birkirkara, ikkonfermaw li l-isfida għar-rebħ tat-titlu se tkun bejniethom.

Matul ix-xahar ta' Jannar, kienu Valletta biss li akkwistaw punti massimi bil-konsegwenza li telgħu f'ras il-klassifika wara li għelbu lil Hibernians (4-1), Birkirkara (1-0) u Sliema Wanderers (2-0) biex pattew għar-riżultati diżappuntanti lejn tmiem is-sena li għaddiet. Ta' min isemmi li l-Beltin ġew imsaħħa bl-akkwisti l-ġodda tad-difensuri Luke Dimech, Daniel Bogdanovic, Jason Vandelannoite u l-attakkant Senegaliż, Demba Toure.

Wara li Hibernians bdew is-sena fuq nota negattiva, bit-telfa umiljanti kontra Valletta, huma rkupraw tant tajjeb biex għelbu lil Sliema Wanderers (2-1) u lil Hamrun Spartans (6-1) biex telgħu fit-tieni post tal-klassifika.

Birkirkara, li jinsabu fit-tielet post, skorjaw 12-il gowl u sforew biss tnejn meta għelbu lil Tarxien Rainbows (5-0) u lil Mosta (7-1), li iżda, kellhom ibaxxu rashom kontra l-Beltin. Bl-akkwist il-ġdid tal-goalkeeper internazzjonali, Justin Haber, bla dubju, l-Istripes komplew jissaħħu.

Wara li fl-ewwel parti tal-istaġun, Mosta dehru t-team rivelazzjoni, is-sena



Andrew Cohen (Hibernians) segwit minn Joseph Zerafa (Birkirkara)

## II Rawnd

**Logħba Nru 91 - 21.12.2012 - 18.00 hrs**

Melita 0

Sliema Wanderers 0

**Victor Tedesco Stadium**

**Melita** – Guillermo Garcia Gabilondo, Michael Martin, Andrew Caruana Scicluna (Jean Pierre Attard 87), Manuel Sierra Camacho, Julian Galea, George Gribbon, Luke Sammut (Daniel Cabanillas Ayllon 80), Jovan Vukanic (Marc Attard 80), Ivan Tufegdzic, Mathew Borg II, Luke Micallef

*Coach* – Patxi Salinas

**Sliema W.** – Glenn Zammit, Luca Martinelli, Clifford Gatt Baldacchino, Mark Scerri, Beppe Muscat, Ivan Woods, Paltemio Barbetti, Alain Faccini, Stefano Bianciardi, Alex Muscat (Miguel Ciantar 13), Luigi Ruggiero (Ariel Laudisi 80)

*Coach* – Alfonso Greco

Referee – Glenn Tonna

Assistenti – Duncan Sultana, Luke Portelli

Raba' Uff. – Marco Borg

Ammoniti – G. Gribbon, J. Vukanic, M. Borg II (M); P. Barbetti, A. Laudisi (SW)

## II Rawnd

**Logħba Nru 92 - 21.12.2012 - 20.00 hrs**

Rabat Ajax 1

J. L. Negrin 9

Valletta 1

J. J. Ogunuppe 87

HT 1-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Rabat A.** – Jonathan Azzopardi, Justin Felice, Joseph Caruana, David Azzopardi, Dylan Falzon, Manuel Moral Fuster, Gaetano Gesualdo, Yan Cauchi, Patrick Borg (Diego Carrillo Pendas 65), Jose Luis Amario Negrin, Clifford Gauci

*Coach* – Silvio Vella

**Valletta** – Manuel Bartolo, Ian Azzopardi, Ian Zammit (Joseph Jo Jo Ogunuppe 67), Shaun Bajada, Ryan Fenech, Denni Rocha Dos Santos, Joao Gabriel Da Silvia, Leandro Da Silva Almeida (Dyson Falzon 81), Roderick Briffa, Jonathan Caruana, Edmond Agius (Gilbert Agius 58)

*Coach* – Mark Miller

Referee – Fyodor Zammit

Assistenti – Thomas Debono, Luke Portelli

Raba' Uff. – Andre Arciola

Ammoniti – E. Agius, Leandro, R. Briffa (V); M. M. Fuster, P. Borg (RA)

Tkeċċa – M. Bartolo 90 (V)

## II Rawnd

**Logħba Nru 93 - 22.12.2012 - 14.00 hrs**

Mosta 2

C. Compagnoli 57, D. Bogdanovic 87

Balzan 0

HT 0-0 **National Stadium**

**Mosta** – Justin Haber, Stene Onyii Chiemeka, Obinna Obiefule, Ryan Grech (Ferdinando Apap 90), Danial Mitev, Manolito Micallef, Daniel Bogdanovic, Alex Cini, Bryan Agius, Luke Dimech, Carlos Compagnoli

*Coach* – Steve D'Amato

**Balzan** – Frederick Tabone, Aaron Agius (Rodrigo de Barros Consani 66), Yessous Camilleri, Matthew Mendy, Jonathan Francica, Bjorn Bondin, Dylan Grima, Christian Caruana (Malcolm Liciari 69), Pedro dos Santos Calcado, Elton Alexandre da Silva, Jacob Dominico Borg (Clint Micallef 83)

*Coach* – Joe Borg

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Edward Spiteri, Sammy Attard

Raba' Uff. – Glenn Tonna

Ammoniti – M. Mendy, J. Francica (B); A. Cini (M)

## II Rawnd

**Logħba Nru 94 - 22.12.2012 - 16.00 hrs**

Hibernians 0

Birkirkara 0

**National Stadium**

**Hibernians** – Mario Muscat, Adrian Pulis, Jean Paul Farrugia, Clayton Failla, Marcelo Dias, Johann Bezzina, Jacskon Lima Sequeira, Anderson Mendes Ribeiro (Allan Kerdeck dos Santos 59), Zoran Levnaic, Ryan Camilleri, Andrew Cohen

*Coach* – Michael Woods

**Birkirkara** – Reuben Gauci, Nikola Vukanac, Rowen Muscat, Jean Pierre Mifsud Triganza, Paul Fenech (Ryan Camenzuli 74), Alejandro Mendoza Orujo, Joseph Zerafa, Jhonnattan Benites de Conceicao, Gareth Sciberras, Edward Herrera, Rodrigo Pereira (Yosimar Hernandez 74)

*Coach* – Paul Zammit

Referee – Kevin Azzopardi

Assistenti – Alan Camilleri, Albert Borg Cardona

Raba' Uff. – Esther Azzopardi

Ammoniti – J. Zerafa, Jhonnattan, R. Pereira (B); M. Dias, C. Failla (H)

Tkeċċa – M. Dias 65 (H)

## II Rawnd

**Logħba Nru 95 - 23.12.2012 - 14.00 hrs**

Tarxien Rainbows 1

D. Meira Santos 40

Floriana 1

O. Bugeja 79

HT 0-1 **Hibernians Stadium**

**Tarxien R.** – David Cassar, Manuel Caruana, Justin Grioli, Roderick Bajada, Danilo Meira Santos, Andrè Reinaldo De Suza Esposito, Ryan Sammut, Mark Tanti (David Fenech 63), Daniel Mariano Bueno, Orosco Anonam, Steven Bonnici

*Coach* – Clive Mizzi

**Floriana** – Tony Warner, Kane Farrugia, Owen Bugeja, Thomas Paris, Trevor Cilia (Brooke Farrugia 58), Valdo Alhinho (Carl Tremarco 64), Igor Coronado, Duncan Pisani, Haygnner Celestino (Luca Casha 74), Tyrone Farrugia, Sacha Borg

*Coach* – Stephen Azzopardi

Referee – Andrè Arciola

Assistenti – Chris Francalanza, Alex Grech

Raba' Uff. – Malcolm Spiteri

Ammoniti – J. Grioli, S. Bonnici, R. Bajada, O. Anonam, R. Sammut (TR), T. Paris (F)

## II Rawnd

**Logħba Nru 96 - 23.12.2012 - 16.00 hrs**

Qormi 4

E. Bilboa Zarate 54, 68, S. A. Siritto 63, J. Chetcuti 78

Hamrun Spartans 0

HT 0-0 **Hibernians Stadiums**

**Qormi** – Steve Sultana, Kris Thackray, Joseph Chetcuti, Luke Sciberras, Matthew Gauci, Sebastiano Aurelio Siritto, Edison Bilbao Zarate (Gabriel Buttigieg 85), Jonathan Bondin (Carmelo Farrugia 80), Alessio Cassar, Stephen Wellman, Leitghon Grech (Matthew Bartolo 74)

*Coach* – Jesmond Zerafa

**Hamrun S.** – Andrea Cassar, Adrian Ivanov, Roderick Fenech, Anton Vergilov, Lyubomir Vitanov, Massimo Grima, Ryan Spiteri (Luke Grech 59), Gianluca Calabretta, Terence Vella (Adrian Borg 76), Glenn Azzopardi (Anthony Curmi 16), David Camilleri

*Coach* – Stefan Sultana

Referee – Esther Azzopardi

Assistenti – Ingmar Spiteri, Peter Abela

Raba' Uff. – Kevin Azzopardi

Ammoniti – L. Vitanov, T. Vella, M. Grima (HS)

Tkeċċa – A. Cassar 15 (HS)

## II Rawnd

**Logħba Nru 97 - 04.01.2013 - 18.00 hrs**

Balzan 2

E. Da Silva 63 pen, P. Calcado 92

Qormi 1

A. Bello-Osagie 5

HT 0-1 **Victor Tedesco Stadium**

**Balzan** – Daniel Miguelez Martinez, Aaron Agius, Dylan Grima (Jacob Borg 66), Yessous Camilleri, Jonathan Francica (Bjorn Bondin 50), Stefan Giglio, Renato Garcia Conceicao, Jamie Pace, Christian Caruana (Malcolm Licari 84), Pedro Dos Santos Calcado, Elton Da Silva

*Coach* – Joe Borg

**Qormi** – Matthew Farrugia, Kris Thackray, Joseph Chetcuti, Abubakar Bello-Osagie, Luke Sciberras, Matthew Gauci, Edison Bilboa Zarate, Jonathan Bondin, Alessio Cassar, Stephen Wellman, Leghton Grech (Matthew Bartolo 84)

*Coach* – Jesmond Zerafa

Referee – Marco Borg

Assistenti – Thomas Debono, Mitchell Scerri

Raba' Uff. – Fyodor Zammit

Ammoniti – J. Pace, S. Giglio, P. Calcado, E. Da Silva (B), K. Thackray, E. Zarate Bilboa, A. Cassar (Q)

## II Rawnd

**Logħba Nru 98 - 04.01.2013 - 20.00 hrs**

Sliema Wanderers 1

L. Martinelli 76

Rabat Ajax 0

HT 0-0 **Victor Tedesco Stadium**

**Sliema W.** – Glenn Zammit, Luca Martinelli, Paltemio Barbetti, Mark Scerri, Luigi Ruggiero, Andrew Decesare (Miguel Caintar 51), Clifford Gatt Baldacchino, Ivan Woods, Alain Faccini (Ariel Laudisi 75), Beppe Muscat (Josef Mifsud 83), Stefani Bianciardi

*Coach* – Alfonso Greco

**Rabat A.** – Jonathan Azzopardi, Ivan Carapic, Joseph Caruana, Justin Felice, Jose Luis Ammario Negrin, Dylan Falzon, Wayne Borg, Patrick Borg, Clive Brincat, Diego Carrillo Pendas, David Azzopardi

*Coach* – Silvio Vella

Referee – Alan Mario Sant

Assistenti – Alan Camilleri, Alex Grech

Raba' Uff. – Mario Apap

Ammoniti – P. Barbetti, L. Ruggiero (SW), P. Borg (RA)

## II Rawnd

**Logħba Nru 99 - 05.01.2013 - 14.00 hrs**

Hamrun Spartans 0

Melita 1

D. Cabanillas Ayllon 33

HT 0-1 **National Stadium**

**Hamrun S.** – Anthony Curmi, Glenn Azzopardi, Ayrton Micallef (Rodney Refalo 83), Ryan Spiteri, Massimo Grima, Daniel Zerafa (Christian Cassar 50), Gianluca Calabretta, Roderick Fenech, David Camilleri, Adrian Borg, Luke Grech

*Coach* – Stefan Sultana

**Melita** – Guillermo Gabilondo Garcia, Michael Martin, Andrew Caruana Scicluna, Tobias Terpougoff (Karl Vella Petroni 67), Jean Pierre Attard, Manwel Sierra Camacho, George Gribbon, Ivan Tufegdzic, Matthew Borg II, Luke Micallef (Marc Attard 82), Daniel Cabanillas Ayllon (Jorge Veloso Lurido 87)

*Coach* – Patxi Salinas

Referee – Chris Lautier

Assistenti – William Debattista, Sammy Attard

Raba' Uff. – Glenn Tonna

Ammoniti – I. Tufegdzic (M); R. Spiteri, D. Camilleri (HS)

## II Rawnd

**Logħba Nru 100 - 05.01.2013 - 16.00 hrs**

Valletta 4

D. Rocha Dos Santos 35, 47, I. Zammit 38 pen, W. Barbosa 72 pen

Hibernians 1

J. Bezzina 86

HT 2-0 **National Stadium**

**Valletta** – Yenz Cini, Ian Azzopardi, Ian Zammit (Joao Gabriel Da Silva 73), Ryan Fenech (Edmond Agius 86), Denni Rocha Dos Santos (Gilbert Agius 73), William Barbosa, Roderick Briffa, Jonathan Caruana, Demba Toure, Jason Lee Vandelannoite, Luke Dimech

*Coach* – Mark Miller

**Hibernians** – Mario Muscat, Jean Paul Farrugia (Udo Nwoko 53), Clayton Failla, Bjorn Kristensen, Rodolfo Soares, Jackson Lima Sequeira, Zoran Levnaic, Ryan Camilleri (Steve Pisani 74), Andrew Cohen (Johann Bezzina 70), Allan Kardeck Dos Santos, Adrian Pulis

*Coach* – Michael Woods

Referee – Adrian Azzopardi

Assistenti – Duncan Sultana, Roberto Vella

Raba' Uff. – Esther Azzopardi

Ammoniti – B. Kristensen, A. Kardeck, M. Muscat, R. Soares (H); R. Fenech, D. Rocha Dos Santos, L. Dimech (V)

Tkeċċa – R. Soares 90 (H)

## II Rawnd

**Logħba Nru 101 - 06.01.2013 - 14.00 hrs**

Floriana 1

I. Coronado 80

Mosta 2

S. Chiemeka 53, D. Bogdanovic 86

HT 0-0 **Hibernians Stadium**

**Floriana** – Tony Warner, Kane Farrugia, Carl Tremarco, Owen Bugeja, Trevor Cilia (Luca Casha 76), Igor Coronado, Duncan Pisani, Joseph Borg, Brooke Farrugia (Francesco Guzman 63), Clyde Borg, Sacha Borg

*Coach* – Stephen Azzopardi

**Mosta** – Justin Haber, Alex Cini (Daniel Bogdanovic 46), Mano Micallef, Steve Chiemeka, Carlos Compagnoli, Ryan Grech, Danial Mitev (David Maia dos Santos 74), Obinna Obiefule, Fernando Apap, Bryan Agius, Giancarlo Sammut

*Coach* – Steve D'Amato

Referee – Mario Apap

Assistenti – Paul Apap, Albert Borg Cardona

Raba' Uff. – Clayton Pisani

Ammoniti – F. Apap (M); C. Borg, S. Borg (F)

## II Rawnd

**Logħba Nru 102 - 06.01.2013 - 16.00 hrs**

Birkirkara 5

P. Fenech 34, S. Haruna 56, 65, N. Vukanac 58, E. Herrera 79

Tarxien Rainbows 0

HT 1-0 **Hibernians Stadium**

**Birkirkara** – Reuben Gauci, Ryan Scicluna, Nikola Vukanac (Bernard Borg 81), Alejandro Mendoza, Ryan Camenzuli, Rowen Muscat, Paul Fenech, Rodrigo Pereira (Zach Muscat 65), Edward Herrera, Jean Pierre Mifsud Triganza, Shola Haruna (Yosimor Hernandez 76)

*Coach* – Paul Zammit

**Tarxien R.** – David Cassar, Steven Sadowski (David Fenech 64), Manuel Caruana, Marco Lopes Silva (Mark Tanti 64), Justin Grioli, Roderick Bajada, Leandro Almeida, Andrezinho (Andrew Agius 73), Daniel Mariano Bueno, Orosco Anonam, Steve Bonnici

*Coach* – Clive Mizzi

Referee – Malcolm Spiteri

Assistenti – Edward Spiteri, Chris Francalanza

Raba' Uff. – Chris Lautier

Il-KMS nieda programm ta' natura kulturali u sportiva. Dan il-proġett, li tnieda f'Mejju 2008 u tkompla matul ix-xhur tas-sajf, kien ta' suċċess kbir, kemm fost it-tfal kif ukoll fost il-ġenituri li pparteċipaw bis-sħiħ fl-attivitajiet. L-għan aħħari huwa li permezz ta' ArtiSport jingħata lura r-ritmu u l-ħajja lil-logħob tradizzjonali Malti li, lura fiż-żmien, kien jintlagħab fi-toroq tal-irħula.

**Walking & Jogging – 1,300 persuna qed jużaw il-faċilitajiet fl-iskejjel għall-mixi u l-jogging**

Bil-għan li jiġi immassimizzat l-użu tat-trakki tal-atletika, qabel u wara l-ħinijiet tal-iskola, il-Gvern qed jiftaħ il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel għall-pubbliku bla ħlas. Bħalissa aktar minn 1,300 persuna qed jużaw dawn il-faċilitajiet fl-iskejjel għall-mixi u għall-jogging. Matul is-sena li għaddiet zdiedu



# • Sport għal kulħadd: 8 Outdoor Gyms madwar Malta

żewġ centri oħra ma' dak ta' St. Injazju, li huma l-Kulleġġ San Benedittu, f'Ħal Kirkop, u l-Kulleġġ Maria Reġina, fil-Mosta.

**Senior Citizens on the Move – Għal anzjani aktar attivi**

Fl-2010, beda proġett pilota fil-Mellieħa, fejn l-anzjani setgħu jagħmlu l-attivitajiet fiżiċi bi programm speċjali tal-KMS immirat għalihom. Proprju matul is-sena li għaddiet, dan il-programm ġie estiż fuq skala nazzjonali. Dan il-programm kien kompost f'sessjonijiet ta' mixi (Walkfit 60+), għawm (Swimfit 60+) u eżerċizzji oħrajn għall-iżvilupp tas-saħħa fiżika u tal-bilanċ kif ukoll għat-tisħiħ tal-muskoli. Dawn l-eżerċizzji saru fil-Pixxina Nazzjonali, f'Tal-Qroqq, u fir-residenza ta' San Vincenz de Paule mingħajr ħlas.

**MUSEUMS**

Il-KMS b'kollaborazzjoni mal-Għaqda tal-Mużew, ħoloq programm fejn kull nhar ta' Ħadd wara nofs in-nhar, jittieħdu tfal ta' lokalità rispettiva f'wieħed miċ-ċentri tal-KMS sabiex flimkien ma' kowċis ikkwalifikati jagħmlu xi tip ta' attività fiżika u sportiva.

**Sport għal atleti bi bżonnijiet speċjali**

Il-KMS, flimkien mal-Ministeru tal-Finanzi permezz tal-Fondi għall-Kawżi Ġusti, taw għajnuna kontinwa lill-Għaqda ta' l-iSpecial Olympics Malta biex tħejji lil dawk l-atleti bi bżonnijiet speċjali għall-







iSpecial Olympics World Games. Din l-għajnuna ħalliet il-frott mixtieq għax, matul l-aħħar żewġ edizzjonijiet, minbarra li Malta pparteċipat b'kontinġenti kbar, intrebħu numru kbir ta' midalji. Barra minn hekk, il-KMS iffinanzja l-parteċipazzjoni ta' Malta fil-Logħob Paralimpiku li saru f'Londra.

**Aktar minn 18,000 persuna ipparteċipaw f'attivitajiet sportivi organizzati mill-KMS mal-Kunsilli Lokali**

Matul l-aħħar erba' snin, aktar minn 18,000 persuna pparteċipaw f'dawn l-attivitajiet sportivi organizzati mill-KMS flimkien mal-Kunsilli Lokali, permezz tal-iSkema ta' Inizjattivi Sportivi. Fl-istess perijodu saru xejn inqas minn 459 attività sportiva li ttellgħu mill-istess Kunsilli Lokali. Dan kollu sar biex inkomplu nilħqu lil kulħadd fil-komunità tiegħu.

**3 Outdoor Gyms ġodda u se jinfetħu 5 oħra fil-ġimgħat li ġejjin**

F'dawn l-aħħar 3 snin infetħu 3 Outdoor Gyms, f'Ta' Qali, f'Ħaż Żabbar u fil-Mellieħa. Dawn qed jippermettu lill-eluf ta' Maltin biex jagħmlu work-outs kompluti bla ħlas fil-ħin u l-ħin konvenjenti għalihom.

Dan mhux kollox għax, f'Ta' Qali, ukoll il-gvern fetaħ Adventure Park għall-familja kollha li saħansitra fih faċilitajiet ta' High Ropes. Faċilità oħra ta' High Ropes infetħet, f'Għajn Tuffieħa, wara li l-Gvern ssieħeb mal-iscouts biex jibni high ropes għall-użu ta' aktar minn 4,000 membru fi ħdan l-iscouts.

Fil-ġimgħat li gejjin, il-Gvern se jkun qiegħed jiftaħ aktar outdoor gyms f'Ħal Qormi, fis-Siġġiewi, fis-Swieqi, Bahar ic-Cagħaq, u fil-Junior College. Ċertament, dawn ukoll se jgħinu biex l-attività fiżika tkompli tiġi promossa mal-pubbliku in ġenerali u tkompli tqarreb lin-nies lejn l-isport u l-attività fiżika.

**Madwar 31,000 tifel u tifla jipparteċipaw fi programmi sportivi tal-KMS Sport Promotion Unit kull sena**

- Unit li twaqqaf fl-2009 bħala parti mill-politika tal-Gvern biex tiżdied il-parteċipazzjoni tat-tfal fl-isport

Milja oħra importanti ta' dan il-Gvern matul din il-leġiżlatura kienet it-twaqqif tal-iSport Promotion Unit fl-iskejjel, li qed jaħdem mat tfal fil kulleġġi kollha tal-istat biex sa minn età żgħira jkunu introdotti għall-isport lil hinn mil-lezzjonijiet tal-attività fiżika. Kull sena skolastika, l-Isport Promotion Unit itella' programmi varji għal qabel, waqt u wara l-ħin tal-iskola.

**Fundamental Basic Sport Skills**

Fl-2008 tnieda l-programm fl-iskejjel "Fundamental Basic Sport Skills" li qed jaħdem mat-tfal fuq erba' snin tal-iskola primarja. Għaldaqstant, matul il-ħin tal-iskola l-istudenti qed jitħarrġu fil-motor skills; fil-ġinnastika; fl-atletika, u fl-għawm skond is sena tagħhom.

**Aktar programmi sportivi mill-SPU fl-iskejjel**

L-SPU itella' programmi sportivi oħra fl-iskejjel lil hinn mil-lezzjonijiet tal-PE, fosthom Festivals u Tournaments għall-Iskejjel; College-Based Sports Activities; Outdoor u Adventure Activities; u Coaching Clinics f'diversi dixxiplini.

# Faċilitajiet sportivi
## mill-aqwa fl-iskejjel tal-istat




- **€33 miljun għal bini ta' skola ġdida kull sena mill-2008 'l hawn**
- **€7 miljun minnhom għall-faċilitajiet sportivi tagħhom**
- **41 għaqda sportiva qed jagħmlu użu mill-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel**

Il-gvern mhux biss żamm mal-wegħda tiegħu li jibni skola ġdida kull sena, iżda l-iskejjel ġodda li saru b'investiment ta' €33 miljun qed ikunu wkoll kumplimentati b'faċilitajiet sportivi ta' kwalità għolja, li l-investiment fihom jammonta għal €7 miljun. Illum l-iskejjel huma mgħammra b'faċilitajiet li jgħinu fl-iżvilupp ħolistiku tal-individwu fosthom workshops; laboratorji ta' xjenza, laboratorji tal-informatika u faċilititajiet sportivi. B'hekk dawn l-iskejjel qed jakkomodaw lit-tfal matul il-ħin tal-iskola u qed isiru ċentri tal-komunità wara l-ħinijiet tal-iskola. B'dan il-mod, il-faċilitajiet sportivi f'dawn l-iskejjel qed jagħtu wkoll iċ-ċans lill-komunità sportiva u lill-adulti jagħmlu użu minnhom wara l-ħin tal-iskola.

**20 skola tal-istat qed jintużaw minn 41 għaqda sportiva**

Illum hemm 41 għaqda sportiva – li jvarjaw minn futbol, għal basketball, il-volleyball, l-atletika u l-arti marzjali – li jużaw il-faċilitajiet ta' għoxrin skola tal-istat biex jipprattikaw l-isport tagħhom wara l-ħin tal-iskola u fi tmiem il-Ġimgħa.

**1,343 persuna jagħmlu użu mill-jogging tracks tal-iskejjel bla ħlas**

Biex iżommu lilhom infushom attivi u b'saħħithom, mijiet ta' Maltin qed jagħmlu wkoll kuljum użu mill-faċilitajiet tal-jogging tracks eżistenti fil-Kulleġġi San Injazju, San Benedittu u l-Kulleġġ Marija Regina fil-Mosta. L-użu ta' dawn it-tracks huwa wieħed bla ħlas u dawk interessati kull ma jridu jagħmlu huwa li jirreġistraw mal-Kunsill Malti għall-iSport.

B'hekk wara l-ħinijiet tal-iskola, il-faċilitajiet sportivi fl-iskejjel mhux biss qed jiftħu għall-għaqdiet sportivi, iżda wkoll għall-pubbliku b'mod ġenerali. B'hekk qiegħed jigi mmassimizzat bl-aħjar mod l-investiment li sar fl-iskejjel tal-istat. Dan ifisser li s-sena li għaddiet kien hemm 1,343 persuna li użaw it-trakkek tal-mixi u l-jogging li jinsabu fl-iskejjel mingħajr ħlas.






# Biex inrawmu Atleti Nazzjonali li jagħmluna kburin

L-isport aċċessibbli għal kulħadd huwa importanti għas-saħħa tal-poplu però huwa tajjeb ukoll biex jgħinna nwessgħu l bażi minn fejn nagħżlu l-Atleti Nazzjonali li jirrapreżentawna f'kompetizzjonijiet internazzjonali. Is-suċċessi li ksibna u l-miljiet li lħaqna f'dawn l-aħħar snin f'numru ta' dixxiplini sportivi kienu għalhekk ikkumplimentati b'serje ta' policies, skemi u inizjattivi. Fil-fatt, fl-aħħar snin ittieħdu diversi inizjattivi biex jiġu żviluppati u appoġġjati l-atleti elite li jipprattikaw l-isport bħala dixxiplina vera u proprja.

Il pjan tal Gvern dwar l-atleti nazzjonali huwa li jimxi l-vjaġġ sportiv magħhom: mill-istadju ta' identifikazzjoni tat-talent sal-ħin li jkunu qed jikkompetu għall-pajjiżna. Għaldaqstant f'dawn l-aħħar snin nidejna l-Youth Development Scheme, nidejna l-iSport Competition Leave, nidejna wkoll it-20/20 Sports Training Scheme għall-ħaddiema tas-Settur Pubbliku, it-20/20 Sports Training Scheme għall-ħaddiema tas-Settur Privat, waqqafna Unit Sportiva fil-Forzi Armati u waqqafna Skola Nazzjonali tal-Isport filwaqt li tajna boroż ta' studju għal min irid jispeċjalizza fl isport.

## Skola Nazzjonali tal-Isport ... biex uliedna jirnexxu fl-iskola u fl-isport

- Minn din is-sena bdiet tilqa' fiha l-ewwel 38 student
- L-istudenti qed jitħarrġu fi 8 dixxiplini differenti
- Dawn it-tfal qed jitħarrġu biex ikollhom karriera sportiva u karriera akkademika (dual career)

Matul din is-sena skolastika l-Gvern fetaħ l-iSkola Nazzjonali tal-Isport li fiha laqgħet l-ewwel 38 student. Minn dawn, 13 huma bniet u 25 huma subien. L-istudenti magħżula ġejjin minn 8 dixxiplini sportivi differenti li huma l-football (18 subien u 5 bniet); l-atletika (3 subien u 2 bniet), basketball (1 tifel u 1 tifla), rugby (1 tifel u 1 tifla), ġinnastika ( 2 bniet), bowling (1 tifla), għawm (1 tifel u 1 tifla) u karate (1 tifel).

Din l-iskola qed tħarreġ lill-studenti atleti promettenti fl-iżvilupp sportiv tagħhom filwaqt li toffrilhom edukazzjoni akkademika ta' kwalità għolja li tippermetti lill-istudenti jkomplu bl-edukazzjoni post sekondarja tagħhom. B'dan il-mod l-istudenti jibqagħlhom l-opportunità li jsegwu karrieri differenti, ta' sport u ta' xogħol (dual career), fi stadji differenti ta' ħajjithom.

Fl-iskola tal-isport, l-istudenti jibqa' jkollhom il-lezzjonijiet obbligatorji fil-kurrikulu bħat-tfal l-oħra iżda ma' dawn ikollhom hin iddedikat speċifikament għall-isport. Il-ħinijiet tal-lezzjonijiet ikunu flessibbli biżżejjed biex jakkomodaw it-taħriġ sportiv li jkun qed isir ukoll waqt il-ħin tal-iskola f'qafas ta' ċentru ta' eċċellenza għall-attività sportiva. It-taħriġ sportiv ikun ikkoordinat mill-Assoċjazzjonijiet Sportivi u l-kowċis tagħhom, biex l-atleti żgħażagħ ikollhom pjan wieħed ta' taħriġ b'oġġettivi komuni, kemm waqt il-ħin tal-iskola kif ukoll wara.

L-Iskola Nazzjonali tal-iSport hija awtonoma bil-kap tagħha, filwaqt li tifforma parti mill-Kulleġġ San Benedittu u topera mill-campus li jinkludi l-iskejjel sekondarji tal-istess kulleġġ.

kunsill malti
għall-isport
www.sportmalta.org.mt









## Scholarships għall-Isportivi biex ikompli jiżdied il-livell sportiv Malti

Matul is-sena li għaddiet, għall-ewwel darba, ingħataw 14-il borża ta' studju fl-isport fit-tentattiv biex jiżdied il-livell ta' professjonalità fl-isport. Minn dawn, kien hemm studenti li għażlu li jkomplu jipperfezzjonaw id-dixxiplina sportiva li huma jipprattikaw b'tant dedikazzjoni. Oħrajn għażlu li jispeċjalizzaw f'livelli ta' Masters u Dottorat f'oqsma ancillari u neċessarji għall-professjonalità fl-isport: coaching, attività fiżika, nutrizzjoni, psikoloġija u mediċina sportiva. Dawn il-boroż ta' studju jingħaqdu ma' aktar minn 2,000 scholarship ieħor li l-Gvern qassam matul dawn l-aħħar snin biex iż-żgħażagħ ikomplu jispeċjalizzaw f'diversi oqsma fit-tentattiv li jiġu mgħejjuna biex jimirħu f'opportunitajiet ġodda ta' xogħol u tal-karriera.

## AFM Sports Unit – Unit ġdid ta' suldati sportivi fl-Armata

Għall-Atleti Nazzjonali inħoloq ukoll unit għal suldati-atleti full time fl-armata. Dawn is-suldati-atleti ikollhom iċ-ċans li jitħarrġu sa 40 siegħa fil-ġimgħa. Dan il-unit sportiv mal-Forzi Armati ta' Malta, jingaġġa fih atleti nazzjonali, li jistgħu ikunu full time fuq taħriġ sportiv. L-Armata assenjat fizzjal biex imexxi dan il-unit filwaqt li l-KMS qed jamministra din l-iskema. S'issa hemm 3 suldati atleti li qed jitħarrġu u jaħdmu f'dan il-Unit.

## Sports Competition Leave

Qed jingħata leave bi ħlas lil dawk l-atleti u uffiċjali impjegati mas-settur pubbliku li jkunu sejrin jirrappreżentaw lil pajjiżna f'tournaments u kungressi barra minn Malta. Is-sena li għaddiet, din l-iskema ġiet estiża għal dawk l-uffiċjali u atleti li jkunu sejrin jikkompetu f'tournament internazzjonali f'Malta wkoll. Huwa kkalkulat li permezz ta' din l-iskema biss, il-Gvern jiffinanzja aktar minn elf ġurnata leave bi ħlas fis-sena għal skopijiet ta' sport.

## 20/20 Sports Training Scheme (settur pubbliku)

L-iskema 20/20 hija diretta għall-atleti li jaħdmu fis-settur pubbliku, li permezz tagħha l atleti nazzjonali li jippromettu jingħataw sa massimu ta' 20 siegħa leave bil-ħlas fil-gimgħa biex jitħarrġu fid-dixxiplina tagħhom skond il-programm ta' taħriġ professjonali ppreparat mill-kowcis u l-għaqdiet sportivi rreġistrati mal-Kunsill Malti għall-iSport. Bħalissa hemm 8 sportivi li qed jibbenefikaw minn din l-iskema

## 20/20 Sports Training Scheme (settur privat)

Sentejn ilu, permezz tal-Ministeru tal-Finanzi, inħoloq fond biex jgħin finanzjarjament lill-atleti promettenti u ta' klassi li jaħdmu mas-settur privat u li b'arrangament ma' min iħaddimhom, għażlu li jnaqqsu l-ġimgħa tax-xogħol tagħhom biex jitħarrġu fl-isport. B'dan il-mod, qed tiġi rreplikata l-iskema 20/20 anke għall-atleti Nazzjonali promettenti li huma impjegati mas-settur privat. Bħalissa hemm 10 atleti li jaħdmu mal-privat li qed jibbenefikaw minn din l-iskema.

Aktar minn hekk fil-baġit għal din is-sena, il-Gvern kien beħsiebu jestendi iż-żewġ skemi tat-20/20 sport training leave għall-kowċis.

## Youth Development Scheme

It-tfal u ż-żgħażagħ li jippromettu jiġu mgħejjuna finanzjarjament biex ikunu jistgħu ikomplu t-taħriġ tagħhom fuq livell professjonali.

## Taħriġ lill-kowċis u instructors mill-Università ta' Malta

Il-KMS kull sena qed jinvesti u jiffinanzja t-taħriġ ta' kowċis u instructors ta' diversi dixxiplini sabiex jgħollu l-livell tagħhom. Dan it-taħriġ qed jingħata fuq livell ta' diploma, certificate u baċellerat mill-Istitut tal-Edukazzjoni Fiżika u l-Isport fl-Università ta' Malta.

Kumplessi Sportivi

# Investiment fil-faċilitajiet s

- Tlesta kumpless State of the Art f'Ħal Kirkop
- Se jinbena ieħor bħalu f'Tal Ħandaq






Biex ikompli jiżviluppa l-qasam sportiv f'pajjiżna, matul l-aħħar erba' snin il-Gvern investa miljuni ta' ewro fil-bini ta' faċilitajiet sportivi u biex jiġu modernizzati l-kumplessi sportivi eżistenti. Il-Gvern investa wkoll biex jattrezza l-iskejjel tal-istat b'faċilitajiet ġodda ta' livell għoli. Ma setax jonqos ukoll li l-Gvern jinċentiva u jgħin lill-Għaqdiet sportivi biex jiżviluppaw il-faċilitajiet tagħhom.

### Tlesta Kumpless Sportiv ġdid f'Ħal Kirkop

Fl-aħħar snin inbena u infetaħ kumpless sportiv ġdid f'Ħal Kirkop, High Ropes courses, f'Ta' Qali, u f'Għajn Tuffieħa, Outdoor Fitness Centres f'Ta' Qali, Ħaż Żabbar u l-Mellieħa u diversi faċilitajiet sportivi oħra f'numru ta' skejjel tal-istat. Il-Kumpless ta' Ħal Kirkop seħħ wara investiment ta' aktar minn €3.5 miljun. Il-kumpless mhux biss jilqa' fih it-tfal li jattendu l-Kulleġġ San Benedittu matul il-ħin tal-iskola iżda jakkomoda wkoll 15–il dixxiplina sportiva u hu mgħammar ukoll b'simulatur għall-isport tal-isparar u pixxina għal taħriġ fl-għawm. Dan huwa wkoll il-kumpless sportiv li qiegħed jintuża mill-ewwel student fi ħdan l-iskola nazzjonali tal-isport.

Il-Kumpless Sportiv ta' Ħal Kirkop huwa mgħammar ukoll b'Fitness Centre li qed jiġi

# portivi ta' pajjiżna






operat minn operatur privat. Dan huwa modern u joffri varjetà sħiħa ta' apparat tal-gym li jinkludi l-fixed weights machines, żona għall-free weights u l-cardio vascular machines. B'hekk qiegħed joffri alternattiva oħra lill-pubbliku ta' din iż-żona kif jistgħu jżommu ruħhom attivi fiżikament.

## Se jinbena Kumpless Sportiv ġdid f'Tal-Ħandaq: Jibda l-proċess mal-MEPA

Fl-aħħar ġimgħat, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada ssottomettiet quddiem il-MEPA l-pjanti ta' kumpless sportiv ġdid fil-Kulleġġ Sant'Injazju f'Tal-Ħandaq. Dan ukoll se jkollu investiment ta' madwar €3.5 miljun u se jkun mibni fuq il-kunċett tal-Kumpless Sportiv Kirkop. Il-Kumpless f'Tal-Ħandaq se jinkludi sala prinċipali, tliet changing rooms, reception u klinika. Dawn kollha se jikkumplimentaw il-faċilitajiet diġà eżistenti f'dan il-kulleġġ, jiġifieri l-ground 7-a-side b'ħaxix artifiċjali, trakka tal-mixi, court tal-basketball u żewġ Nissan huts li se jinbidlu f'faċilitajiet sportivi multi-purpose. Hemm ukoll il-ħsieb li biswit dan il-kumpless tiġi żviluppata pixxina kemm għall-istudenti u anki għall-komunità wara l-ħin tal-iskola

## Rinovazzjoni fil-Kumplessi Sportivi tal-Kottonera u tal-Qroqq

Anki l-kumpless tal-Kottonera ġie modernizzat fejn saħansitra ġie ċċertifikat mill-UEFA li jista' jospita logħob internazzjonali tal-FUTSAL. B'dan l-investiment, il-kumpless seta' jkompli jilqa' diversi attivitajiet sportivi bħal volleyball, badminton, karate tradizzjonali, aerobics u yoga. Fl-istess kumpless, fl-2011, ġew organizzati wkoll kampjonati internazzjonali tal-judo u tal-bodybuilding, fost l-oħrajn, filwaqt li s-sena li għaddiet il-kumpless ospita l-Fisec Games, Volleyball International Male/Female European Champinships (FIVb), Tournament Internazzjonali tan-Netball, l-iSpecial Olympics International Screening programme u l-Judo Qualifying Championships.

Fl-aħħar snin dan il-kumpless mhix biss ġie riorganizzat iżda l-gvern baqa' jsostni l-ispiża ta' madwar €1.7 miljun fis-sena fl-operat tiegħu. In-nefqa biex jissaħħan l-ilma fil-pixxina titla' mijiet ta' eluf ta' ewro.

Matul dawn l-aħħar snin partikolarment matul is-sajf li għadda sar xogħol strutturali fosthom, xogħlijiet fix-showers, xogħlijiet fir-reception u ftuħ ta' cafeteria. Fil-pixxina saru lanes ġodda għat-taħriġ u għall-kompetizzjonijiet tal-għawm. Saru wkoll xogħlijiet ta' tiswija fiċ-Changing Room, kif ukoll fl-outdoor showers u xogħlijiet oħra fl-East Block, fejn numru ta' kmamar kienu rranġati u ingħataw lill-ASA b'kera ssussidjata biex ikunu jistgħu jintużaw mill-klabbs fi ħdanha. Saret wkoll sistema ta' Access Control għall-membri tal-pixxina u tal-fitness centre li apparti li żiedet is-sigurtà qed tagħti statistika aġġornata għall-immanġjar aħjar tal-kumpless.

Iżda fl-aħħar sena mhux biss ġew imtejba il-faċilitajiet eżistenti f'dan il-kumpless fosthom t-titjib li sar fl-isquash courts, iżda żdiedu żewġ squash courts oħra; qed jinbena gym għat-tfal u nfetħet akkademja tal-isnooker.











# Għajnuna rekord lill-Għaqdiet sportivi f'pajjiżna

- Pakkett ta' assistenza ta' €8 miljuni u 26 Skema għall-Għaqdiet Sportivi Maltin
- 115-il għaqda sportiva ingħataw l-amministrazzjoni ta' 129 art pubblika
- 40 Grawnd tal-futbol ġdid

Minħabba li l-Gvern jemmen fil-valuri tal-isport, huwa kompla jinvesti f'aktar faċilitajiet moderni u tal-ogħla kwalità, fl-atleti u fl-Għaqdiet tagħhom. Għaldaqstant il-baġit għal dan il-għan f'din il-leġiżlatura żdied b'mod konsiderevoli, sena wara l-oħra. Din is-sena, l-Għaqdiet sportivi se jerġgħu jgawdu minn xejn anqas minn 26 skema minn somma rekord ta' €8 miljun f'assistenza – żieda ta' aktar minn €2 miljuni fuq 2011.

**26 Skema ta' assistenza lill-Għaqdiet Sportivi**

1. Skema għal xiri ta' Apparat Sportiv; 2. Scholarships fl-isport; 3. Motor Sport: Skema ta' vetturi sportivi; 4. Motor Sport: Skema għall-vetturi Klassici; 5. Benefiċċji għal dawk li jisponsorjaw l-isport; 6. Incentivi fiskali għal ulied li jattendu n-nurseries; 7. Benefiċċju fiskali fuq xogħol strutturali fil-facilitajiet sportivi; 8. 20/20 Sport Training Scheme: Settur Pubbliku; 9. 20/20 Sport Training Scheme: Settur Privat; 10. Sports Competition Leave; 11.Impjegati on-loan ma' Għaqdiet sportivi; 12. AFM Scheme; 13. Olympic Sports Scheme; 14. Doping Control Scheme; 15. Elite Athletes-Training Scheme; 16. Facility-Improvement Scheme; 17. Facility-Maintenance Scheme; 18. Non-Olympic Scheme; 19. Professional-Services Scheme; 20. School-Facilities Scheme; 21. Venue-Assistance Scheme; 22. Youth-Development Scheme; 23. Local Council Sports-Initiatives Scheme; 24. Sports-Tourism Scheme; 25. Sports-Tourism Scheme: Gozo; 26. National Sports-Organisations Equipment Scheme

**40 Grawnd tal-football ġdid lesti f'ħames snin**

*- 12-il-Grawnd ieħor se jitlestew fix-xhur li ġejjin*

Mill-bidu ta' din il-leġiżlatura, il-Gvern permezz tal-Kunsill Malti għall-Isport u l-Good Causes Fund daħal fi sħab mal-Malta Football Association, li ġabet fondi mill-UEFA, biex ikunu żviluppati 52 ground tal-futbol. Permezz ta' din l-inizjattiva kull klabb tal football se jkollu l użu ta' grawnd modern u bil-ħaxix sintetiku fejn jitħarreġ. Aktar minn hekk b'dawn il-grawnds qed igawdu wkoll eluf ta' tfal li jattendu n-nurseries ta' dawn il-klabbs. B'hekk se jgawdu minnhom aktar minn 9,000 tifel u tifla membri tan-nurseries u mijiet ta' footballers. Dan ma kienx ikun possibbli mingħajr il-kollaborazzjoni bejn il-gvern u l-MFA.

**35 Klabb tal-Boċċi jgawdu minn xogħol ta' manutenzjoni**

Dixxiplina sportiva li gawdiet sew mill-assistenza mogħtija mill-gvern fl-aħħar snin fil-qasam sportiv kienet dik tal-boċċi. Il-klabbs tal-boċċi, affiljati fi ħdan il-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi jamministraw 35 proprjetà pubblika b'valur ta' €3 miljuni. Il-gvern, konxju mill-popolarità ta' dan l-isport, għen direttament mhux biss billi ta' fondi mill-Kunsill Malti għall-iSport lill-federazzjoni u l-klabbs fi ħdanha iżda anki billi ħaddiema mill-ETC ħadmu direttament mal-istess federazzjoni biex sar xogħol ta' manutenzjoni f'diversi pitches tal-boċċi. Dan grazzi għal skema apposta magħrufa bħala *Community Work Scheme*.

B'hekk, dawn il-klabbs setgħu jżommu l-faċilitajiet tagħhom fi stat tajjeb. B'kollox sar xogħol fuq 35 pitch tal-boċċi madwar Malta. Dan ma kienx kollox għax il-Kunsill Malti għall-iSport għen lill-Federazzjoni Klabbs tal-Boċċi direttament billi għenha tibni l-website tagħha. L-uffiċjali tal-Federazzjoni, immexxija mill-President, is-Sur Giovanni Fabri, faħħru l-impenn tal-gvern favur l-isport tagħhom. Aktar minn hekk il-KMS qed jassisti lil Talasselin Boċċi Klabb biex jiżviluppaw l-ewwel indoor boċċi pitch, f'Malta, kif ukoll investiment ieħor fil-klabb tal-boċċi ta' San Bastjan Ħal Qormi u l-klabb tal-boċċi ta' Buġibba.

**Parquet ġdid u professjonali għall-Basketball**

Fl-2012, il-gvern daħal fi sħab mal-Malta Basketball Association biex isir żvilupp ta' faċilitajiet ġodda għat-taħriġ tal-basketball, fosthom biswit il-padiljun tal-basketball, f'Ta' Qali. Il-faċilità, f'Ta' Qali, se tkun qed issir b'investiment ta' madwar €800,000 – somma li tinkludi l-valur tal-art u l-ispiża għall-bini. Aktar minn hekk, matul din il-leġiżlatura ġew allokati aktar minn €270,000 għat-titjib tal-Padiljun tal-Basketball, f'Ta' Qali, li €180,000 marru għat-tibdil tal-parquet wara l-ħsarat ta' Settembru li għadda.

Fil-fatt, wara li f'Settembru 2012, il-padiljun nazzjonali f'Ta' Qali ġarrab ħsarat enormi wara maltempata li seħħet fil-bidu tax-xahar, tant, li kien impossibbli li jsir logħob fih. Il-ħsara tant kienet estensiva li ġie deċiż li tinġieb art ġdida mill-Italja. Iżda l-Malta Basketball Association ma kinetx f'pożizzjoni finanzjarja li tagħmel ix-xogħlijiet neċessarji filwaqt li kellha tiffaċċja wiċċha ma' problema oħra, dik li torganizza l-kampjonati tagħha f'post ieħor.

**€200,000 għall-iżvilupp ta' akkademja tal-Judo**

L-isport tal-judo dejjem ġab suċċess u għamel ġieħ lil pajjiżna fix-xena internazzjonali, speċjalment waqt il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar. Wara li fl-aħħar xhur il-gvern għadda t-titlu ta' art użata mill-Federazzjoni Maltija tal-Judo f'Pembroke issa se jkun qiegħed jgħin ukoll lill-istess Federazzjoni b'investiment għall-iżvilupp ta' akkademja u istitut tal-Judo f'Pembroke ukoll bil-għan li t-tfal li qed jitħarrġu f'din id-dixxiplina jkollhom faċilitajiet mill-aqwa fejn jitħarrġu.

**Għajnuna lir-Rugby**

Il-Gvern dejjem assista lill-Union tar-Rugby billi pprovda l-faċilitajiet tiegħu fil-Marsa biex jintużaw għat-taħriġ u l-logħob tar-Rugby. Dawn il-faċilitajiet huma b'turf naturali. Fil-Marsa wkoll, l-MRFU tagħmel użu minn club-house f'art tal-Gvern. Dan apparti l-għajnuna li l-Gvern jagħti lill-għaqda tar-rugby biex ikunu jistgħu jipparteċipaw f'kompetizzjonijiet internazzjonali.

Fil-granet li ġejjin il-Gvern se jkun qed jiffinalizza ftehim biex il-MRFU ikollhom ukoll il-faċilitajiet sportivi tagħhom.

**Titjib Kontinwu fil-Korsa tal-Marsa: Tinda għall-ispettaturi ġdida u ramel ġdid**

Matul din il-leġiżlatura, il-Gvern investa fil-korsa tal-Marsa biex illum dan l-isport sar aktar iddixxiplinat u organizzat. Saret manutenzjoni fil-wiċċ tal-art b'ramel importat mill-Montenegro, saret tinda ġdida għall-ispettaturi b'finanzjament mill-Gvern, infetħu uffiċini ġodda u moderni tat-TOTE, saret żona ġdida fejn isiru l-preżentazzjonijiet, infetaħ parkeġġ għall-ispettaturi u għad-dilettanti, twaqqfet akkademja tat-tiġrijiet taż-żwiemel, it-tiġrijiet tal-ponijiet qed jiġu reġistrati mal-Malta Racing Klabb, tniedew il-Malta Horse Racing Awards.

**115-il għaqda sportiva ingħataw l-amministrazzjoni ta' 129 art pubblika b'valur ta' €47 miljun**

Dawk l-għaqdiet sportivi li għandhom il-faċilitajiet tagħhom ukoll ġew mgħejjuna mill-gvern biex jiżviluppaw il-faċilitajiet tagħhom. Dan permezz ta' diversi skemi ta' assistenza fosthom – billi għaddiet art pubblika lill-istess għaqdiet, sussidju fuq kirjiet u għajnuna finanzjarja mill-Kunsill Malti għall-iSport u Fond għall-Kawżi Ġusti. Huwa kkalkulat li hemm madwar 115–il għaqda sportiva li qed jamministraw u jgawdu minn użu ta' 129 art u proprjetajiet pubbliċi li l-valur tagħhom jammonta għal €47 miljun.








Dr Kirill Micallef Stafrace



# HAMSTRING INJURIES

Common, in fact too common, especially in sports that require sudden burst of speed and change of direction. What is even more worrying is that up to one fourth of them are aggravated within the first four weeks after the injury, implying improper rehabilitation.

You may grossly divide hamstring injuries into two categories: the first when you have a definite tear that usually occurs suddenly with the athlete pulling up suddenly clutching the back of the thigh; then you have the cramp-like feeling described by athletes that could be due to a minor tear or else to stimulation of the neural ( nerve) structures. Both tend to occur when the athlete is fatigued, such at the end of a football match or if not physically prepared for the activity undertaken. Tears tend to occur when you subject the hamstrings to maximum acceleration or deceleration, when the muscle is subjected to a high eccentric(stretching) force. They are graded from grades I( slight tear) to III( complete tear) and the management varies accordingly. 'Neural' hamstring problems are felt as a tightening in the hamstring muscles and are often accompanied by tightening of the surrounding muscles of the hip and buttocks if not also the lower back. There often is no specific point of pain, it just feels tight and stiff.

The management depends on the diagnosis and severity of the injury. A thorough clinical examination can help determine the severity and maybe outline some predisposing factors like poor flexibility or weak pelvic support. I personally like using diagnostic ultrasound as it allows me to gauge not only the severity but also the exact location of the injury and helps differentiate between a minor tear and a 'neural' problem. Repeat ultrasounds can also help in assessing the healing over a period of time. The first issue is what to do when a hamstring is 'pulled'. RICE protocol comes in i.e. rest, ice, compression, elevation. Some clinicians adopt a tight compression immediately after the injury, so tight that it is rather painful for the athlete concerned. The rationale is that it will help decrease any bleeding and so speed up rehabilitation. From the next day clinical physiotherapy sessions must start with an initial focus on decreasing the inflammation and pain relief and at the same time trying to maintain a non painful stretch. As the weeks pass the focus shifts to strengthening and flexibility and when comfortable to a full musculoskeletal evaluation of the injured athlete to try to uncover any predisposing factors such as muscle imbalances.

The hardest part is deciding when to allow the athlete to return to training. The myriad number of re-injuries due to an overenthusiastic return to sport, often against medical advice, pinpoint to what I personally deem as the plague of hamstring injuries. Since you load them when you push, until that point the injured athlete will be feeling fine. What one has to remember is that the body always needs time to heal. In a case of a hamstring tear this can take from 4-8 weeks, while for neural issues, if treated properly , it usually takes less than two weeks. However, with hamstring injuries, always err on the side of caution.



# JOSEPH SAMMUT
CO. LTD. • Est. 1977

# Turnkey Contractors

- **All Types of Plastering - kisi**
- **Pointing - fuq il-fil**
- **Painting - żebgħa - Gypsum**
- **Drain Laying**
- **Tile Laying**
- **Building Alterations**
- **Restoration Works**
- **All kinds of Decoration Works**

*Over 35 Years of Expertise - No Job is too small or too big!*

10, Triq Ħal Qormi, Sta. Venera
Tel: 2144 5380, 9949 2539 Fax: 2144 3093
e-mail: jsammut.ltd@mail.global.net.mt



William Chetcuti - Sportiv tas-Sena għad-disa' darba fi 11-il sena

# SportMalta Awards
# L-Għażliet Sportivi Nazzjonali
## *Monty Bugeja jirbaħ l-unur ewlieni*

Monty Bugeja (Drag Racing) rebaħ l-unur ewlieni waqt is-serata SportMalta Awards – Għażliet Sportivi Nazzjonali li saret, nhar is-Sibt 19 ta' Jannar, fl-MFCC, f'Ta' Qali. Din il-manifestazzjoni ġiet imtella' bħalma ġara f'dawn l-aħħar erba' snin mill-Kunsill Malti għall-iSport flimkien mal-Għaqda Ġurnalisti Sportivi.

Bħala mistieden speċjali għal din is-serata kien l-eks plejer internazzjonali Taljan, ta' Juventus u Inter, Salvatore "Totò" Schillaci. Schillaci baqa' magħruf b'mod partikolari għall-goals li skorja fil-Fażi Finali tat-Tazza tad-Dinja, 1990.

Preżenti għal din is-serata kien hemm ukoll is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, l-Onorevoli Clyde Puli, iċ-Chairman tal-Kunsill Malti għall-iSport, Bernard Vassallo, il-President tal-Għaqda Ġurnalisti Sport Charles Camenzuli, diretturi tal-KMS u membri tal-kumitat tal-GħĠS.

**Ir-rebbieħa kienu:**
**Sportiva tas-Sena:**
Diane Borg

**Sportiv tas-Sena:**
William Checuti

**Tim tas-sena:**
Mr. Whippy

**L-Aqwa atletaTaħt is-17-il sena:**
Matthew Lee Xuereb

**L-atleta bi bżonnijiet speċjali:**
Philip Grupetta - Matthew Sultana

**Rikonoxximent Kunsill Lokali:**
Kunsill Lokali Mellieħa

**Rikonoxximent Turiżmu Sportiv:**
Hockey

**Vot mill-Għaqdiet Sportivi:**
Etienne Bonello

**Uffiċjal tas-sena:**
Damian Neill

**KMS Award:**
Francis Spiteri

**Rikonoxximent lil Kulleġġ:**
San Gorg Preca

**L-avveniment tas-Sena:**
ASA

**KMS Award:**
Alfred Debono

**Rikonoxximent GħĠS:**
Alfred Camilleri

**KMS Award:**
Rugby

**Vot tal-Pubbliku:**
Monty Bugeja

**Lifetime achievement Award:**
Robbie Ebejer

**FIA Award:**
Mr. Whippy

L-ispettaklu kien imżewwaq bil-kant tal-kantanta Maltija Kristina Casolani, il-mużika tal-Versatile Brass Band u drama mill-Face to Face. Ma dawn ingħaqdu l-gruppi Brittanniċi ta' Blades Babes li taw wirja spettakolari bi xwabel, u l-Jump Rope Crew li taw wirja kbira bil-ħbula li niżlet tajjeb ħafna mal-pubbliku preżenti. Maltul is-serata tkellem is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport, Clyde Puli, fejn irrikonoxxa u wera l-apprezzament tiegħu għas-sagrifiċċji li jagħmlu l-isportivi kollha. Diskorsi oħra saru mic-Chairman tal-KMS Bernard Vassallo u mill-President tal-Għaqda Ġurnalisti Sport, Charles Camenzuli.



Monty Bugeja - L-aqwa unur tas-serata


Diane Borg - Sportiva tas-Sena



Salvatore Schillaci - il-mistieden speċjali




Valletta


Il-captain ta' Valletta, Roderick Briffa, jirċievi l-Gozo Cup mingħand l-Onorevoli Chris Said

# Valletta jirbħu t-tielet edizzjoni tal-Gozo Cup

## RIŻULTATI U SKORERS

**Semi-Finali**

**Gozo XI v Cilento............ 1-0**
*M. Stojanovic 69' (G)*

**Mosta v Valletta............... 0-3**
*T. Demba 37', D. Rocha Dos Santos 57', J.J. Ogunuppe 82' (V)*

**It-Tielet Post**

**Cilento v Mosta ............... 0-1**
*D. Mitev 29' (M)*

**Finali**

**Gozo XI v Valletta........... 0-0**
*Valletta 6-5 bil-penalties*

*Gozo XI* - A. Parnls, M. Xerri (D. Mercieca), P. Buttigieg, W. Akande, D. Stojanovic, C. Camilleri (M. Bezzina), D. Farrugia, K. Ganchev, S. Baala, M. Stojanovic, K. Mercieca (J. Vella).

*Valletta* - Y. Cini, R. Briffa (K. Magro), J. Caruana, J. Vanndelanoit, I. Azzopardi (G. Agius), J.G. Da Silva (J.J. Ogupunne), R. Fenech (E. Agius), D. Rocha Dos Santos (I. Zammit), D. Toure' (L. Da Silva Almeida), D. Falzon (S. Bajada), W. Barbosa.

*Referee* - Mario Apap


Gozo XI


Mosta


Cilento

Il-Gozo Football Association, flimkien mal-Ministeru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja, immexxi minn Dr. Chris Said, organizzaw edizzjoni oħra tal-Gozo Cup. Dan reġa' sar ukoll bi skop li jgħin lit-turiżmu sportiv Għawdxi, kif ukoll li tingħata opportunità tajba lid-diversi partitarji Għawdxin li jappoġġaw anke lit-timijiet Maltin fejn anke dawn kellhom elementi Għawdxin fil-formazzjonijiet tagħhom.

Din il-kompetizzjoni seret fl-aħħar jiem ta' Diċembru fil-Gozo Stadium. It-timijiet li pparteċipaw kienu s-Selezzjoni Għawdxija, żewġ timijiet mill-Kampjonat Premier Maltin, Mosta FC u Valletta FC, flimkien ma' Selezzjoni Taljana mir-Reġjun ta' Cilento. Din il-kompetizzjoni ntlagħbet fuq bażi ta' tournament, b'żewġ semi-finali, u l-finali bejn ir-rebbieħa taż-żewġ semi-finali.

Fil-finali, Valletta FC irnexxielhom jirbħu, wara l-għoti tal-penalties, din l-Edizzjoni tal-Gozo Cup, wara li sad-90 minuta sfaw miżmuma fi draw mis-Selezzjoni Għawdxija. Kienet logħba ferm pjaċevoli li żgur laħqet l-aspettattiva ta' din il-kompetizzjoni.

L-Għawdxin, immexxija mill-eks-kowċ u plejer Belti Eddie Vella, qamu għall-okkażjoni u minkejja li Valletta kienu favoriti netti, huma kienu sfida denja għall-Beltin. Fil-fatt il-finali kellha tkun deċiża bil-penalties.

Biż-żewġ naħat jibdew b'ħames barranin kull wieħed fil-formazzjonijiet tagħhom, sa mill-bidu urew li kienu se joffru partita pjaċevoli. L-Għawdxin kienu ferm kompatti fin-nofs u fuq wara, filwaqt li mbagħad meta sabu ċ-ċans huma attakkaw fejn, apparti li skorjaw daqs l-avversarji, huma kellhom okkażjonijiet oħra. Kienet wirja kollettiva u determinanti li għamlet unur lill-futbol Għawdxi u dan kompla jikkonferma l-progress ta' dan l-aħħar anke wkoll wara r-riżultati miksuba ftit ġimgħat ilu fit-Tazza tar-Reġjuni tal-UEFA. Min-naħa tal-Beltin, dawn kellhom aktar pussess tal-ballun iżda mbagħad kienu pjuttost erratiċi fl-aħħar parti tal-attakki tagħhom.

L-Għawdxin ħarġu ferm immotivati minkejja li kienu jafu bil-qawwa tal-avversarji champions Maltin. Huma fetħu l-iskor, fis-seba' minuta, b'azzjoni sabiħa elaborata bejn Kenneth Mercieca, Chris Camilleri u Milos Stojanovic fejn kien żmarkat Kalin Ganchev li b'xutt angulat għeleb lil Cini.

Valletta wettqu reazzjoni fejn kisbu d-draw, erba' minuti wara, b'daqqa ta' ras tajba ta' Jason Vandelannoite, wara cross ta' Denni Rocha Dos Santos. Valletta żiedu l-isforzi tagħhom fejn, fit-32 minuta, Adrian Parnis xellef mal-mimduda d-daqqa ta' ras ta' Denni Rocha Dos Santos u, fid-39 minuta, huma ħadu l-vantaġġ meta bid-difiża Għawdxija miftuħa, approfitta Demba Toure li mingħajr diffikultà antiċipa f'lasti vojta l-ħarġa ta' Parnis.

Fit-tieni taqsima, Valletta ipprovaw iżidu l-pressjoni tagħhom iżda quddiemhom sabu ħafna spazju magħluq. Madankollu l-karattru Għawdxi baqa' jżid l-orgolju tiegħu tant li, fid-9 minuta, kisbu d-draw meta minn freekick mit-tul ta' Chris Camilleri, Milos Stojanovic b'daqqa ta' ras perfetta qabbeż minn fuq Cini. Fit-23 minuta, l-Għawdxin resqu ferm viċin vantaġġ ieħor meta minn cross ta' Baala, Ganchev kompla għal ġewwa iżda Cini wettaq save ferm diffiċli għal corner.

Min-naħa tagħhom, Valletta komplew jipprovaw għall-gowl tar-rebħa iżda bl-iskor jibqa' ta' draw, fost is-sodisfazzjoni kbir tal-Għawdxin, din il-kompetizzjoni kellha tkun deċiża bil-penalties.

Valletta skorjaw sitta permezz ta' William Barbosa, Edmond Agius, Ian Zammit, Shaun Bajada, Jojo Joseph Ogupunne u Leandro Da Silva Almeida, filwaqt li għas-Selezzjoni Għawdxija skorjaw Akande Williams, Milos Stojanovic, Daniel Farrugia, Joseph Vella u Kalin Ganchev, mentri x-xutt ta' Sunday Baala kien salvat minn Yenz Cini biex b'hekk ta l-unur lill-Beltin.

Fi tmiem il-finali, Dr. Chris Said, Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja flimkien ma' Uffiċjali oħra tal-GFA, ippreżenta t-tazzi lit-timijiet kollha skond kif ikklassifikaw.

Biex għaddew għall-finali, Valletta kisbu rebħa tajba kontra Mosta FC fejn huma dehru iktar determinati, fejn b'waħda mill-aħjar formazzjonijiet tagħhom huma ħolqu iktar ċansijiet ta' skor mill-avversarji. Madankollu, iż-żewġ timijiet tal-Premier ħadu din l-okkażjoni biex inkludew uċuħ ġodda bħala fażi ta' esperimentazzjoni.

Valletta ħarġu fuq l-offensiva u, fis-37 minuta, żblukkaw ir-riżultat permezz ta' Demba Toure li xeħet ġewwa wara rebound ta' Attard li kien salva parzjalment il-konklużjoni minn barra l-kaxxa ta' Barbosa. Imbagħad, fit-12-il minuta tat-tieni taqsima, il-Beltin irdoppjaw meta Demba żmarka lis-sostitut Denni Rocha Dos Santos li xeħet ġewwa b'xutt angulat fil-baxx u ssiġillaw il-passaġġ għall-finali, fis-37 minuta, meta Jojo Joseph Ogunuppe tefa' f'lasti vojta wara li Attard kien salva bla ma żamm ix-xutt ta' Denni.

Min-naħa l-oħra, is-Selezzjoni Għawdxija rnexxielha, b'gowl waħdani fit-tieni taqsima, jissuperaw lis-Selezzjoni ifformata mir-reġjun ta' Cilento, fl-Italja, f'dan l-ewwel konfront bejn iż-żewġ Selezzjonijiet. Għall-Għawdxin din ir-rebħa ser tibqa' wkoll waħda storika għall-fatt li għall-ewwel darba huma għaddew għall-finali ta' din il-kompetizzjoni.

Ir-rebħa Għawdxija kienet waħda meritata għax kienu huma li ddettaw il-logħob għal ħafna ħinijiet tal-partita minkejja li quddiemhom sabu ħajt difensiv qawwi bil-gowlkiper Lorenzo Margiotta protagonista b'diversi interventi.

Fl-ewwel taqsima, l-Għawdxin fallew ukoll anke penalti. Min-naħa tat-tim Taljan, dan apparti li ddefendew b'maestrija, huma operaw bil-kontrattakki. Madankollu huma ma rnexxielhomx jiskorjaw, kif ukoll m'approfittawx minn vantaġġ numeriku li huma gawdew fl-aħħar kwarta tal-partita meta tkeċċa Rodney Buttigieg.

Kien it-tim Għawdxi li ħareġ jattakka fejn, fil-41 minuta, ġew mogħtija penalti wara li Sakaliev twaqqa' minn Elia Bifano iżda mill-11-il metru, Chris Camilleri xeħet għoli. Għat-tieni taqsima, is-Selezzjoni tal-GFA żammet l-inizjattiva, tant, li fit-22 minuta kisbu l-gowl deċiżiv minn corner dirett ta' Milos Stojanovic.

Min-naħa l-oħra, Mosta b'gowl uniku fid-29 minuta tal-ewwel taqsima skorjat b'xutt tajjeb ta' Daniel Mitev, irnexxielhom jissuperaw lil Cilento biex b'hekk spiċċaw fit-tielet post f'dan id-debutt tagħhom fil-Gozo Cup.





# Jintemm l-ewwel round tat-tliet Kampjonati rispettivi

**Kampjonat I Diviżjoni**
**Bupa Luxol ........................ 69**
**AtoZ Electronics Athleta .... 85**
(16-23, 18-21, 13-23, 22-18)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, L. Camilleri

**Floriana Francesco Fenech.. 83**
**Siggiewi ............................ 84**
(20-21, 25-15, 15-26, 23-22)
Referis: G. Barbara, A. Carbonaro, S. Gouder

**Pavi Depiro ...................... 63**
**Tata Motors Loyola .......... 54**
(12-13, 16-14, 15-13, 20-14)
Referis: G. Barbara, E. Mangani, S. Gouder

**Siggiewi ............................ 70**
**Bupa Luxol ........................ 92**
(17-31, 20-17, 20-27, 13-17)
Referis: B. Vassallo, E. Mangani, C. Terribile

**AtoZ Electronics Athleta..... 69**
**Pavi Depiro ...................... 66**
(17-18, 23-15, 17-20. 12-13)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, C. Terribile

**Tata Motors Floriana ......... 47**
**Floriana Francesco Fenech 106**
(13-25, 18-32, 6-23, 19-26)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro, J. Abeng

**Klassifika**

| | L | R | T | Pt |
|---|---|---|---|---|
| Starlites | 6 | 6 | 0 | 12 |
| AtoZ Electronics Athleta | 5 | 4 | 1 | 9 |
| Bupa Luxol | 5 | 3 | 2 | 8 |
| Floriana Francesco Fenech | 5 | 3 | 2 | 8 |
| Siggiewi | 5 | 3 | 2 | 8 |
| Pavi Depiro | 5 | 2 | 3 | 7 |
| Tata Motors Loyola | 5 | 0 | 5 | 5 |

**Kampjonat II Diviżjoni**
**St. Nicholas Suns ................ 60**
**Mellieha Tritones .............. 49**
(14-19, 9-15, 22-4, 15-11)
Referis: E. Mangani, C. Terribile

**Phoenix Zmerc Qormi........ 31**
**Siggiewi ........................... 56**
(6-27, 7-8, 12-17, 6-4)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Miscela D'Oro Mtarfa ........ 44**
**Floriana ............................ 64**
(11-12, 8-25, 11-9, 14-18)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Floriana ............................ 72**
**Phoenix Zmerc Qormi........ 63**
(22-17, 15-16, 26-10, 9-20)
Referis: G. Barbara, S. Gouder

**Floriana ............................ 72**
**Phoenix Zmerc Qormi........ 63**
(22-17, 15-16, 26-10, 9-20)
Referis: G. Barbara, S. Gouder

**Siggiewi ............................ 45**
**Starlites............................. 68**
(10-15, 14-16, 12-18, 9-19)
Referis: A. Carbonaro, S. Gouder

**Mellieha Tritones ............. 82**
**Miscela D'Oro Mtarfa ........ 50**
(20-11, 17-20, 19-10, 26-9)
Referees: A. Carbonaro, C. Terribile

**Klassifika**

| | L | R | T | Pt |
|---|---|---|---|---|
| Starlites | 6 | 6 | 0 | 12 |
| Siggiewi | 6 | 4 | 2 | 10 |
| St. Nicholas Suns | 6 | 4 | 2 | 10 |
| Mellieha Tritones | 6 | 3 | 3 | 9 |
| Floriana | 6 | 3 | 3 | 9 |
| Phoenix Zmerc Qormi | 6 | 1 | 5 | 7 |
| Miscela D'Oro Mtarfa | 6 | 0 | 6 | 6 |

**Kampjonat Nisa**
**Phoenix Petrus Qormi....... 62**
**Alyssa Ashley Loyola.......... 73**
(13-17, 16-11, 12-20, 21-25)
Referis: E. Mangani, J. Mangani

**Hibernians........................ 46**
**Starlites Sports Experience 26**
(13-8, 11-2, 14-5, 8-11)
Referis: C. Terribile, J. Abeng

**Depiro ............................. 69**
**Luxol ............................... 71**
(22-15, 12-15, 19-17, 16-24)
Referis: C. Terribile, J. Abeng

**Starlites Sports Experience 23**
**Depiro ............................. 90**
(8-25, 8-21, 5-23, 2-21)
Referis: L. Camilleri, J. Mangani

**Luxol ............................... 73**
**Phoenix Petrus Qormi ...... 55**
(25-12, 17-13, 14-14, 17-16)
Referis: A. Carbonaro, S. Gouder

**Alyssa Ashley Loyola.......... 76**
**Honey Athleta .................. 64**
(25-17, 10-22, 24-16, 17-9)
Referis: E. Mangani, L. Camilleri

**Phoenix Petrus Qormi....... 56**
**Starlites Sports Experience 43**
(12-10, 22-6, 10-10, 12-17)
Referis: A. Carbonaro, E. Mangani

**Depiro .............................. 62**
**Hibernians........................ 52**
(17-5, 18-18, 9-16, 18-13)
Referis: E. Mangani, A. Carbonaro

**Honey Athleta.................... 45**
**Luxol ............................... 66**
(9-16, 10-20, 16-18, 10-12)
Referis: A. Carbonaro, C. Terribile

**Starlites Sports Experience 35**
**Honey Athleta .................. 55**
(12-10, 8-16, 5-17, 10-12)
Referis: C. Terribile, B. Sly

**Luxol ................................ 66**
**Alyssa Ashley Loyola ........ 68**
(Wara l-ħin barrani)
(17-24, 21-16, 5-13, 18-8)
Referis: C. Terribile, J. Abeng

**Hibernians ........................ 73**
**Phoenix Petrus Qormi....... 41**
(20-6, 16-5, 23-19, 14-11)
Referis: C. Terribile, L. Camilleri

**Klassifika**

| | L | R | T | Pt |
|---|---|---|---|---|
| Luxol | 6 | 5 | 1 | 11 |
| Depiro | 6 | 5 | 1 | 11 |
| Alyssa Ashley Loyola | 6 | 4 | 2 | 10 |
| Hibernians | 6 | 4 | 2 | 10 |
| Honey Athleta | 6 | 2 | 4 | 8 |
| Phoenix Petrus Qormi | 6 | 1 | 5 | 7 |
| Starlites Sports Experience | 6 | 0 | 6 | 6 |




# L-istaġun jiġi fi tmiemu b'tiġrijiet interessanti

Proprju lejn tmiem ix-xahar li għadda, l-istaġun tat-Tiġrijiet taż-Żwiemel ġie fi tmiem tiegħu b'għadd ta' tiġrijiet mill-aktar interessanti fejn spikkaw ukoll żewġ żwiemel partikolari.

**Nabab du Chatelet**, misjuq min Charles Camilleri, rebaħ l-aqwa finali tal-Kampjonat Franċiż tat-trott, sponsorjat mis-Soċjetà Franċiża tat-trott u **Kakisis**, misjuq minn sidu stess Johann Axisa, li rebaħ il-finali tal-Variable Odds Bettings, sponsorjata mill-bookmakers awtorizzati fil-korsa tal-Marsa.

**Il-Ħadd, 16 ta' Diċembru, 2012**
**Race 1 – (2140m) – Class Copper**
**Autostart**
Luriga Liz (Brian Pulis) – Ħin: 1'19"1
Brokkur TYC (Peter Farrugia)
Ballad Ribb (Tony Demanuele)

**Race 2 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
Jens (Alex Magro) – Ħin: 1'17"5
Andri Boko (Tony Demanuele)
Nep (Christian Xerri)

**Race 3 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
Olifant de Pouy (Tony Tanti) – Ħin: 1'17"8
Quartz des Pinons (Brian Zammit)
RSP Knife (Ronald James)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
Love Heart (Shaun Portelli) – Ħin: 1'16"7
Lime Casted (Charles Camilleri)
Hulot (Jason Vassallo)

**Race 5 – (2640m) – Class Copper**
**Autostart**
Neron Pierji (Julian Farrugia) – Ħin: 1'17"8
Nox Blue (Rondey Gatt)
Kaolin de Bannes (Emmanuel Fenech)

**Race 6 – (2640m) – Class Bronze**
**Autostart**
Ouragan de Crouay (Larson Mifsud) – Ħin: 1'18"8
Polytain (Noel Baldacchino)
Mezio Josselyn (Victor Fenech)

**Race 7 – (2640m) – Class Silver**
**Autostart**
Korentin (Julian Farrugia) – Ħin: 1'15"9
Orage du Pont (Charles Camilleri)
Narcus du Roc (Rodney Gatt)

**Race 8 – (2640m) – Class Gold**
**Autostart**
Night Inlet (Noel Baldacchino) – Ħin: 1'16"2
Magnifique Sablais (Julian Farrugia)
Niky de Mamartin (Jonathan Zammit)

**Race 9 – (2640m) – Class Premier**
**Autostart**
Nabab de Chatelet (Charles Camilleri) – Ħin: 1'15"4
Oltedo de Rieux (Noel Baldacchino)
Label Chouan (David Ellul)

**Race 10 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
Darco As (Mark Tanti) – Ħin: 1'16"4
Kapro Wareco (Mario Fenech)
Plaisir d'Amour (Silvio Schembri)

**Il-Ħadd, 23 ta' Diċembru, 2012**
**Race 1 – (2140m) – Class Copper**
**Autostart**
Mistral u Chene (Jesmar Gafa) – Ħin: 1'19"2
Friendly Frazer (Julian Farrugia)
Marathon d'Isques (Herman McKay)

**Race 2 – (2140m) – Class Copper**
**Autostart**
Monticello (Wayne Farrugia) – Ħin: 1'17"9
Pine Woods Harry (Clifferty Calleja)
Don Valentino (Frankie Abdilla)

**Race 3 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
Borups Hero (Darren Mizzi) – Ħin: 1'16"9
Napolitano Sun (David Ellul)
Que Vadis Phedo (Clifferty Calleja)

**Race 4 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
Power Night Star (Rodney Gatt) – Ħin: 1'15"8
Ygor of Pass (Tony Demanuele)
Key Value (Mark Tanti)

**Race 5 – (2140m) – Class Premier**
**Autostart**
Normand d'Oger (Clifferty Calleja) – Ħin: 1'15"4
Argus Hanover (Charles Camilleri)
St. Andrew LB (Julian Farrugia)

**Race 6 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
Luriga Liz (George Attard) – Ħin: 1'17"4
Niko de Chamant (Victor Fenech)
Jens (Alex Magro)

**Race 7 – (1250m) – Flat Race**
Cheeky Jack (Demis Zammit) – Ħin: 1'13"52
Timolin (Ramon Grima)
Darielli (Michael Sultana)

**Race 8 – (2140m) – Class Gold**
**Autostart**
Keeping Quality (Charlie Magro) – Ħin: 1'16"2
Ironbar (Julian Farrugia)
Charm Hammering (Gilbert Farrugia)

**Race 9 – (2140m) – Class Premier**
**Autostart**
Nino de Saintho (Clifferty Calleja) – Ħin: 1'15"0
Nevalo des Bordes (Claudio Refalo)
Skip Dimanche (Charlo Debono)

**Race 10 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
Race Ball (Tony Demanuele) – Ħin: 1'16"8
Bankir Zon (Clint Vassallo)
Pirate d'Urzy (Eugenio Bondin)

**Il-Ħadd, 30 ta' Diċembru, 2012**
**Race 1 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
Ackaturbo (Shaun Portelli) – Ħin: 1'17"2
Divinis (Charlie Magro)
Omega des Arpents (Raymond Cassar)

**Race 2 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
Big Hig (Charlo Debono) – Ħin: 1'17"3
Odelvio (Rodney Gatt)
Ocean Brillouard (Noel Baldacchino)

**Race 3 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
Marchallach (Rodney Gatt) – Ħin: 1'17"5
Kaki de Peyrahout (Charles Farrugia)
Prince Feulavoir (Joseph Bartolo)

**Race 4 – (2140m) – Class Copper**
**Autostart**
Brokkur TYC (Peter Farrugia) – Ħin: 1'18"6
Lemon Solo (Etienne Farrugia)
Loulou de la Rose (James Falzon)

**Race 5 – (2140m) – Class Bronze**
**Autostart**
Owens Kin (Etienne Carabott) – Ħin: 1'17"7
Nympeta de Bisoir (Patrick Cachia)
Panito (Stephen Vassallo)

**Race 6 – (2140m) – Class Silver Autostart**
Law Suit (Joseph Agius) – Ħin: 1'17"5
Mezio Josselyn (Steve Grixti)
Kosal L.J. (Anton Cassar)

**Race 7 – (2140m) – Class Silver Autostart**
Lion McGuire (Glen Farrugia) – Ħin: 1'17"9
Oscar des Racques (Tano Debattista)
Newman (Mario Caruana)

**Race 8 – (2140m) – Class Gold Autostart**
Niky du Donjon (Joe Vella) – Ħin: 1'17"5
Enjoy Kronos (Felix Casha)
Otas Fighter (James Falzon)

**Race 9 – (2140m) – Class Premier**
**Autostart**
Kakisis (Johann Axisa) – Ħin: 1'14"9
Nabab du Chatelet (Charles Camilleri)
Oltedo de Rieux (Julian Farrugia)

**Race 10 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
Ogor (Francis Cassar) – Ħin: 1'17"0
Jill Vox (David Ellul)
Baronello (Jason Vassallo)

**Race 11 – (2140m) – Class Gold Autostart**
Orage de Pont (Charles Camilleri) – Ħin: 1'16"1
Petrus de Vivier (Mark Desira)
Oolong (Clifferty Calleja)

**Race 12 – (2140m) – Class Silver**
**Autostart**
Daring Daylight (Charles Camilleri) – Ħin: 1'17"4
Bankiren (Rodney Gatt)
Quartz du Lupin (Jeffrey Said)

MINN VINCENT PISANI



Brian Cini (xellug) flimkien ma' Nico Elton wara l-final

# Brian Cini
## jirbaħ il-European Under 17 Snooker Open





Brian Cini sar l-ewwel plejer żagħżugħ Malti li rnexxielu jirbaħ il-European Under 17 Snooker Open meta fil-final, quddiem pubbliku numeruż, kien f'forma eċċezzjonali biex għeleb lill-Ingliż Nico Elton 5-1.

Cini beda tajjeb meta rebaħ l-ewwel frame 93-9, biex fit-tieni frame għamel break ta' 57 u għalqu 66-7 favur tiegħu biex mar 2-0 minn fuq. Elton naqqas id-distakk meta rebaħ it-tielet frame 71-48, iżda Cini kien fl-aħjar forma tiegħu meta rebaħ tliet frames infila ta' 78-60, 58-26 u 59-35 u għalaq il-logħba 5-1 favur tiegħu.

Bla dubju ta' xejn, Brian Cini jista' jitqies bħala wieħed mill-aqwa plejers fl-Ewropa għall-età tiegħu. Huwa ġie ppreżentat bit-trofew minn John Hartley li huwa ċ-Chairman ta EABS. Brian Cini rebaħ ukoll is-somma ta' €400, filwaqt li Nico Elton irċieva €200.

Fis-semi-finali, Brian Cini għeleb lill plejer Ingliż ieħor, Louis Heathcote, 4-3 (8-84, 68-30, 59-54, 57-42, 4-63, 26-79 u 59-37).

Ta' minn isemmi li kemm Nico Elton kif ukoll Louis Heathcote jipparteċipaw fil-PTC u l-European Tour organizzati mill-World Snooker Association. F'waħda mill-aħħar logħbiet ta' Elton, huwa tilef kontra l-plejer professjonali Andrew Higginson (World Ranking 29th) 4-1 fil-European Tour, f'Novembru, li għadda, filwaqt li waħda mil-logħbiet tiegħu Louis Heathcote kien tilef 4-2 kontra plejer professjonali ieħor Rory McLeod fil-PTC 3, f'Settembru li għadda.

L-ogħla break tat-tournament sar minn Nico Elton, dak ta' 88 punt, filwaqt li l-ogħla break ta' Brian Cini kien dak 85. Saru ħafna breaks oħra 'l fuq minn 70.

Dan it-tournament issa ilu jiġi organizzat għal seba' snin infila u dejjem ġie sponsorjat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, San Antonio Hotel & Spa li jipprovdu akkommodazzjoni b'xejn lil plejers kollha u Apple Club ta' Bugibba, fejn isir il-logħob.





Brian Cini (xellug) flimkien ma' John Hartley Chairman tal-EABS



Jan Corten (xellug) u Quinten Vermousen qabel il-logħba tal Pre-Quarter-Final



Chris Peplow (xellug) fil-logħba tal Pre-Quarter-Final li tilef kontra l-Ingliż Peter Devlin. Fin-nofs jidher ir-referee Malti Ambrose Licari



# It-Tiġrija tal-Vitorja (1990 -1999) Il-ħdax-il Parti



**It-tiġrija tal-Frejgatini**

Ħafna huma tal-fehma li minkejja t-tiġrija tal-Frejgatini ġiet introdotta fir-Regatta Nazzjonali fl-1935 u fis-snin 50 rajna qaddiefa ta' ċertu kalibru jipparteċipaw fihom, sa nofs is-snin sittin din it-tiġrija ma kinitx popolari mal-maġġoranza tad-dilettanti ta' dawn it-tiġrijiet għax l-attenzjoni tagħhom kienet aktar mitfugħa fuq l-opri l-kbar (dgħajjes tal-Midalji u tal-Pass). Madankollu ħafna anzjani għadhom jiftakru tajjeb diversi tiġrijiet sbieħ tal-Frejgatini f'nofs is-snin 50 – tiġrijiet missielta b'antagoniżmu sfrenat sa l-aħħar qadfa bejn il-qaddiefa tal-Birgu u dawk tal-Isla.

Xi xjuħ isostnu li r-rivalita' li tradizzjonalment minn dejjem eżistiet bejn dawn iż-żewġ distretti f'din it-tiġrija nibtet ħafna snin qabel il-Frejgatina ġiet introdotta fit-Tiġrija tal-Vitorja.

Jingħad li din il-pika qalila kienet ilha s-snin teżisti fost is-sidien tal-Frejgatini taż-żewġt ibliet marittimi minn meta oriġinaw it-tiġrijiet tal-Frejgatini tal-Qlugħ qabel it-Tieni Gwerra Dinjija. F'dik l-epoka f'dawn it-tiġrijiet li kienu jsiru fiż-żewġ portijiet u ġieli barra l-Port il-Kbir, kienu jipparteċipaw fihom Frejgatini mill-Isla, il-Birgu, l-Kalkara, mill-Imsida, Marsamxett u tas-Sliema, waqt li fis-snin 50 barra t-tiġrijiet tal-Port il-Kbir kienu jsiru tiġrijiet simili oħra fil-bajjiet ta' Birżebbuġa u f'Wied il-Għajn fejn fihom kienu jipparteċipaw ukoll opri minn dawn il-lokalitajiet.

Sintendi, meta bdew isiru t-tiġrijiet tal-Frejgatini fit-Tiġrija tal-Vitorja insibu, li sas-snin 50, xi wħud mill-Frejgatini li kienu jġerru bihom kienu l-istess opri li kienu jipparteċipaw bihom fit-tiġrijiet tal-qlugħ, u għalhekk il-pika bejn iż-żewġ distretti kompliet ħraxet għax intiret ukoll mill-qaddiefa rivali waqt ir-Regatta.

Insomma din storja oħra!, Fil-bidu tas-snin 70, meta l-kompetizzjoni għar-rebħ tax-Shield saret aktar akkanita u d-diriġenti tal-klabbs tar-Regatta rrealizzaw li pjazzament fil-Frejgatini setgħet trebbaħhom ix-Shield bdew jarmaw l-opri ż-żgħar b'qaddiefa ta' ċertu stoffa bil-għan li jsaħħu ċ-ċansijiet tagħhom u jiksbu punti f'din it-tiġrija. Kien proprju minn nofs is-snin sittin li din it-tiġrija kisbet ċerta prestiġju.

F'dawn l-aħħar 40 sena rajna bosta tiġrijiet sbieħ tal-Frejgatini - il-maġġoranza tagħhom missielta sportiviment, għalkemm ir-rivalita' fost il-qaddiefa avversarji għadha ħajja u tinħass ħafna waqt it-tiġrija. Matul is-snin 1900-1999, dan il-palju ntrebaħ minn dawn id-distretti:

Fl-1990 dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Isla bil-qaddiefa Pawlu Grech u Raphael Degiorgio u t-tmunier Edrick Grech. Skond ir-rapporti sportivi din it-tiġrija ġiet deskritta bħala dwell akkanit bejn il-qaddiefa tal-Isla u Bormla kif se naqraw f'din is-silta: '... *kienet taqtiegħa ħarxa bejn il-Frejgatini tal-Isla u Bormla , bl-Isla tidħol l-ewwel f'ħin ta' 6 minuti u 55 sekonda biż-żewġ Frejgatini ta' Bormla jidħlu fit-tieni u fit-tielet post rispettivament....'*

Fl-1991, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett ta' Marsamxett bil-qaddiefa' Ġino Viacava u Anthony Viacava u t-tmunier Clinton Schiavone. Għal xi wħud mid-dilettanti r-rebħ ta' dan il-palju kien mistenni, għal ħafna oħrajn kien sorpriża għax fl-aħħar provi fil-kanal deher ċar li t-taqtiegħa kienet bejn il-Birgu u l-Isla. Din is-silta sportiva tagħtina stampa oħra:

*'... l-ewwel sorpriża ġiet fit-tiġrija tal-Frejgatini b'2 imqadef u tmunier. Friski mis-suċċess tal-31 ta' Marzu, Marsamxett/Valletta rebħu bl-aktar mod konvinċenti wara li l-opri ta' Għawdex, il-Kalkara u l-Marsa nqatgħu mit-tiġrija. Il-Frejgatina ta' Marsamxett rebħet f'ħin ta' 7 minuti 49 sekonda minkejja l-isfida diretta li kellhom mill-Birgu li spiċċaw ukoll qabel l Isla li s-sena l-oħra rebħu din it-tiġrija u għalhekk kienu kunsidrati bħala favoriti li jirbħu din it-tiġrija...'*

Fl-1992, dan il-palju ntrebaħ mill-Isla bil-qaddiefa Raphael Degiorgio u Lawrense Ciantar u t-tmunier Kevin Mifsud. Kif kien mistenni din it-tiġrija kellha tiġi missielta bejn l-Isla u Marsamxett/Valletta kif proprju tkellimna din is-silta sportiva: '... *l-Isla kisbu t-tieni rebħa meta spiċċaw l-ewwel fil-Frejgatini f7 minuti u 27 sekonda biex kisbu 12-il punt ieħor u kienu segwiti minn Marsamxett/Valletta li għal ħafna ħin dehru li setgħu jirbħu huma u l-Kalkara li ħadu 8 u 4 punti rispettivament* ...'

F'silta oħra tagħtina stampa aktar ċara dwar l-andament ta' din it-tiġrija : '.. *l-Isla fetħu vantaġġ sostanzjali li żieduh meta fit-tieni tiġrija tal-Frejgatini b'2 imqadef u tmunier, l-opra tal-Isla ddominat iżda kellhom oppożizzjoni kbira minn Marsamxett/Valletta u l-Kalkara u kellu jkun il-Photo Finish li ta r-rebħa lill-Isla*...'

Fl-1993, dan il-palju mill-ġdid għadda għand id-distrett ta' Marsamxett/Valletta permezz tal-qaddiefa Ġino Viacava u Anthony Viacava u t-tmunier Clinton Schiavone . Din is-sena wkoll din it-tiġrija kienet ikkumbattuta ħafna bejn Marsamxett u l-Isla kif naqraw f'din is-silta: '... *il-Frejgatina ta' Marsamxett, minkejja l-isfida diretta mill-Isla, spissjaw fl-aħħar metri, bir-riżultat li Bormla u l-Marsa li fil-ftuħ dehru fuq quddiem battew, bir-riżultat li fit-tieni u fit-tielet post spiċċaw l-Isla u l-Birgu. B'hekk Marsamxett/Valletta ikkonfermaw il-qawwa tagħhom u rrepetew is-suċċess miksub minnhom fl-1991 f'ħin rekord ta' 6 minuti u 45 sekonda*...'

Silta qasira oħra tagħtina aktar tagħrif dwar din it-tiġrija: '... *waħda mill-aktar tiġrijiet akkaniti kienet dik tal-Frejgatini b'żewġ imqadef u tmunier li fih ir-riżultat kien inċert sal-aħħar. Ir-rebbieħa kienu Marsamxett li bil-ħin ta' 6 minuti u 45 sekonda waqqfu record. Warajhom daħlu l-Isla u l-Birgu rispettivament*...'

Fl-1994, dan il-palju ntrebaħ mid-distrett tal-Marsa b'rebħa meritata mill-qaddefa Joseph Gerada, John Borg u t-tmunier Clifton Camilleri wara dwell aħrax mal-Frejgatina ta' Marsamxett/Valletta.

Silta qasira tkellimna dwar l-andament sportiv ta' din it-tiġrija li kienet missielta sa l-aħħar qadfa tal-korsa: ' ...*fit-tiġrija tal-Frejgatini b'żewġt imqadef u tmunier, wieħed seta' jinnota l-element ta' sorpriża fejn Bormla fetħu qawwi fit-tieni korsija u minn mal-ġenb bdew deħlin Marsamxett/Valletta u Marsa, bl-Isla jirkupraw fuq il-Kalkara li f'mumenti dehru li setgħu jisfidaw. Bormla naqqsu fl-aħħar fażi bil-Marsa u Marsamxett/Valletta jidħlu ras imb' ras fejn kienu l-Marsa li ħadu t-12-il punt ta' l-ewwel post f'ħin ta' 7 minuti u 36 sekonda*...'

Fl-1995 dan il-palju ntrebaħ mill-ġdid mid-distrett ta' l-Isla f'tiġrija deskritta bħala eċċitanti ħafna. L-ekwipaġġ tal-Frejgatina Sengleana kien kompost minn Pawlu Grech, Lawrence Ciantar u t-tmunier Drady Degiorgio. Tagħrif dwar din it-tiġrija m'għandniex ħafna għajr biss żewġ versi minn artiklu sportiv li jgħid hekk:

'...*l-Isla fetħu tajjeb bil-Frejgatini ta' Marsamxett/Valletta, Bormla, Marsa u Kalkara isegwuhom u jissieltu għall-postijiet ta' wara. Finalment kienu Marsamxett/Valletta li daħlu t-tieni u Bormla kellha tikkuntenta bit-tielet post* ...' Il-ħin ta' din it-tiġrija kien ta' 6 minuti u 45 sekonda.

Fl-1996 dan il-palju reġa' intrebaħ mid-distrett ta' l-Isla




Enciklopedija dwar l-istorja tal-qdif madwar id-dinja - fosthom it-Tiġrijiet tad-dgħajjes Maltin tal-Porto Salvo u Tal-Vitorja

bl-istess ekwipaġġ tas-sena preċidenti Pawlu Grech, Lawrence Ciantar u t-tmunier Brady Degiorgio.

F'din it-tiġrija dehret il-qawwa tad-distrett ta' l-Isla li minn dejjem kienet tgawdi fil-Frejgatini. Dan il-fatt tikkonfermah silta sportiva meħuda minn artiklu interesanti li ġie pubblikat l-għada tar-Regatta: '.... *id-dominju Senglean għal kuntrarju ta'l-aħħar edizzjoni deher evidenti saħansitra fit-tieni tiġrija – dik tal-Frejgatini fejn il-qaddiefa ta' l-Isla kisbu rebħa komda b'diversi tulijiet fuq Bormla u l-Marsa li forsi kienu l-uniċi distretti li b'xi mod setgħu jagħtu sfida lill-Isla, fejn forsi wieħed stenna xi ħaġa aktar minn Marsamxett/Valletta*...'

Il-ħin ta' din il-korsa kien ta' 7 minuti u 24 sekonda.

Fl-1997 dan il-palju reġa' ntrebaħ mid-distrett tal-Isla għat-tielet darba konsekuttiva bil-qaddiefa Ronald Zammit u Lawrence Ciantar u t-tmunier Brandy DeGiorgio. Din it-tiġrija dejjem tiġbed l-ammirazzjoni ta' l-ispettaturi għaliex normalment il-Frejgatini kollha jkunu armati tajjeb u minħabba hekk jagħmluha waħda eċċitanti.

*ikompli f'ħarġa oħra*

ISLA MARSA MARSAMXETT BORMLA BIRGU KALKARA BIRŻEBUĠĠA

# Kampjonat 1956-57



Louis Theobald (Hibernians)

# Sliema W. jibqgħu jillidjaw minkejja b'partita inqas

**Id-Disa' Ġurnata**

**09-02-1957:**
**Rabat FC – Marsa FC 3-0**
**H.T 1-0**
**Ref: Major Alex Upfold (REME)**
**Skurjaw: T. Vassallo (R) 4', Pawlu Micallef (R) 59' u R. Spiteri (R) 81' pen. ............**
**Att: 1,454**

*Rabat FC*: Pawlu Seguna, John Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, Johnnie 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo, Romeo 'Il-Mosti' Agius, Charles Theuma.

*Marsa FC*: Salvu Alamango, Frans Hole, Nenu Fabri, Ġużi 'Ta' Pranza' Attard, Franz Borg, Leli Borg Bonaci, Willie Bowerman, Ernie Glynn, Ġużi 'Ir-Rumba' Dimech, Vidal, Fredu 'Steak' Abela.

1. Minkejja li kienu qed jilagħbu mingħajr l-attakkant Pawlu Said, Rabat kisbu rebħa wara seba' logħbiet fejn l-aħħar reb-ħa tagħhom kienet kontra l-istess Marsa fl-ewwel round. Minn dak in-nhar segwew erba' telfiet u żewġ drawijiet.

**10-02-1957**
**Sliema Wdrs. FC – Hibernians FC 3-1**
**H.T 0-1**
**Ref: Turu Lentini**
**Skurjaw: L. Theobald (H) pen. 22', T. Nicholl (S) 47', R. Buttigieg (S) 88' u C. Mattocks (S) 90'**
**Att: 4,556**

*Sliema Wdrs. FC*: Victor Scerri, Ġużi 'Geddumu' Bonnici, Lolly 'Tal-Mitejn' Cuschieri, Ninu Calleja, Salvu Bonnici, Alex Gollcher, Robbie Buttigieg, Salvinu Schembri, Tony Nicholl, Sammy Nicholl, Charlie Mattocks.

*Hibernians FC*: Willie Gregory, Sunny Anastasi, Leli 'L-Għawdxi' Attard, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Leli Spiteri, Leli Sultana, Fredu Church, Joe 'Il-Felli' Ciantar, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

1. Il-goalkeeper William Gregory għamel id-debutt tiegħu ma' Hibernians wara li kien akkwistat mingħand Gżira United. Gregory, li kien fis-Servizz flimkien ma' Sunny Anastasi u Leli Attard, ħa post il-goalkeeper regolari Micallef li proprju qabel din il-partita lagħab fit-team tar-Reserves ta' Hibernians li tilef 2-0 kontra Sliema Wanderers.

2. Mal-goal ta' Louis Theobald, partitarju ta' Hibernians irnexxielu jaqbeż il-ħadid u jidħol jiġri fil-ground b'erba' pulizija jiġru warajh. L-invażjoni kienet waħda paċifika meta l-partitarju wasal fuq Theobald u beda jgħannqu miegħu.

3. Qabel il-logħba Tony Nicholl ġie ppreżentat bit-l rofew tal-Footballer of The Year mis-Sinjura M.A. Decesare, il-mara ta' Dr. Maurice Decesare, Viċi President u preżentement Acting Chairman tal-MFA.

4. Minħabba l-imġieba ħażina tiegħu f'din il-logħba, il-player ta' Hibernians Ġużi Ciantar kien ġie mmultat għaxar xelini kif ukoll ġie sospiż sakemm jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina tal-MFA. Huwa kien ġie rraportat li xejjer bil-ponn lill-player ta' Sliema Wanderers.

**16-02-1957**
**Floriana FC – Birkirkara FC 4-1**
**H.T 2-1**
**Ref: George Bonello.**
**Skurjaw: C. Bennetti (F) 3' u 14', F. Bonnici (B) 32', P. Demanuele (F) 67' u F. Bonello (F) 74.**
**Att: 3,051**

*Floriana FC*: Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Joe Cini, John Delia, Freddie Vella James, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Frankie Bonello, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

*Birkirkara FC*: Lolly Rizzo, Frans Cassar, Johnnie Gatt, Norman Bell, George Dalli, Lino Lanzon, Freddie Taliana, Louis Bugeja, Leli 'Il-Likku' Saliba, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

1. Kien hemm dubju jekk l-ewwel goal ta' Floriana fit-tielet minuta kienx qabeż il-linja tal-goal meta x-xutt ta' Żarenu Alamango ħabat mal-lasta u mir-rebound Bennetti ra lill-goalkeeper Rizzo jilqa' iżda ma jżommx it-tentattiv tiegħu bil-ballun ma jidhirx ċar jekk kienx skorra l-linja tal-goal. Ir-referee Bonello però kien qrib tal-azzjoni u kkonvalida l-goal. Barra

minn hekk skond il-ġurnal il-Berqa kien Demanuele l-awtur ta' dan il-goal u mhux Bennetti bil-ġurnali kollha l-oħra jagħtu l-goal lil Charlie Bennetti.

2. Kien hemm probabiltà li Floriana jilagħbu lil Ġużi Alamango bejn il-lasti wara li dan ittrenja tul il-ġimgħa kollha iżda tħalla barra fl-aħħar ħin minħabba li reġa' ħass l-uġiegħ li kien qed iżommu barra mil-logħba.

**17-02-1957**
**Valletta FC – Ħamrun Sp. FC 1-0**
**H.T 0-0**
**Ref: R.S.M Carmel Galea (R.M.A)**
**Skorja: S. Rapinett (V) 50'**
**Att: 6,216**

*Valletta FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Ħamrun Sp. FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Freddie Falzon, Leli 'It-Tirjule' Borg, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Franġisku Formosa, Ġużi 'Iz-Zizell' Psaila, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri, Romeo 'Il-Ħaċċa' Psaila.

1. Għall-Ispartans irritorna Romeo Psaila wara li kien ilu nieqes mill-aħħar partita tal-kampjonat ta' qabel. Huwa kien talab għar-release għax xtaq isieħeb club ieħor iżda l-Ispartans kienu rrifjutaw it-talba tiegħu.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 18-il pt.; Floriana FC 15-il pt.; Valletta FC 13-il pt.; Ħamrun Sp. FC 7 pti.; Rabat FC 6 pti.; Birkirkara FC u Hibernians FC 5 pti.; Marsa FC 3 pti.

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 10 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 6 goals; N. Mackay (Valletta FC) 5 goals.

## L-Għaxar Ġurnata

**23-02-1957**
**Hibernians FC – Rabat FC 2-0**
**H.T 2-0**
**Ref: Major Alex Upfold**
**Skurjaw: L. Sultana (H) 14' u L. Cassar (H) 19'**
**Att: 1,224**

*Hibernians FC:* William Gregory, Ġużi Camilleri, Frans Borg, Maurice Vella Borg, Louis Theobald, Joe 'Puskas' Muscat, Leli Spiteri, Fredu Church, Freddie Abela, Leli Sultana, Lorry 'Il-Geġiġa' Cassar.

*Rabat FC:* Paul Seguna, John Calleja, Ruġġieru 'Iż-Żiemel' Spiteri, John 'Iz-Zikizokk' Azzopardi, Joe 'Il-Wirxu' Aquilina, Anthony 'Il-Legdi' Azzopardi, Pawlu 'It-Tiger' Micallef, Twanny 'Tal-Manager' Vassallo, Pawlu 'Il-Fulier' Said, Charlie Theuma, Pawlu 'Ta' L-Imtarfa' Vassallo.

1. Skond il-ġurnal il-Berqa u Leħen is-Sewwa, ir-referee ta' din il-partita kien Ron Maskell. Il-ġurnal The Times of Malta, The Bulettin u l-Football Annual 1956-57 niżżlu lill-Maġġur Upfold bħala r-referee tal-partita.

2. Hibernians kienu qed jilagħbu mingħajr iż-żewġ difensuri tagħhom Sunny Anastasi u Leli Attard 'L-Għawdxi' minħabba li kienu mpenjati mat-team tal-Armata fil-partita għall-Chronicle Cup. Minflokom iddebuttaw Ġużi Camilleri u Frans Borg.

Player ieħor nieqes għall-Pawlisti kien Ġużi Ciantar li kien ser jibqa' sospiż sakemm jidher quddiem il-Bord tad-Dixxiplina u jwieġeb għall-imġieba ħażina tiegħu fil-konfront kontra Sliema Wanderers. Fil-fatt huwa kien deher quddiem il-Bord fid-29 ta' Frar 1957 fejn ġie sospiż żewġ logħbiet.

**Sliema Wanderers FC v Marsa ma ntlagħbitx**

L-istess kif kien ġara fl-ewwel round il-logħba Sliema Wdrs. FC v Marsa FC reġgħet ma ntlagħbitx għal raġunijiet kompletament differenti minn tal-ewwel round.

Il-partita suppost li kellha tintlagħab il-Ħadd 24 ta' Frar, 1957, iżda tħassret minħabba li għal dak in-nhar l-MFA kienet irranġat biex tintlagħab il-partita storika bejn Malta u Awstrija. Sliema Wdrs. v Marsa tħalliet għal data oħra li kien għad trid tiġi mħabbra. Dan wara li Sliema avżaw lill-MFA li ma setgħux jilagħbu l-partita b'mod immedjat fost il-ġimgħa minħabba li kienu sejrin fuq Tour f'Bengazi, il-Libja, fejn kienu ser jilagħbu żewġ partiti ta' ħbiberija.


Il-goalkeeper Lolly Rizzo (Birkirkara)

**02-03-1957**
**Valletta FC – Floriana FC 2-1**
**H.T 1-0**
**Ref: George Bonello**
**Skurjaw: Alf. Borg (V) 18', N. Mackay (V) pen. 61' u L. Borg (F) 88'**
**Att: 6,799**

*Valletta FC:* Albert 'Tas-Sorry' Zarb Cousin, Walter Bone, Edwin 'Dwinu' Schembri, Nenu 'Il-Wiżża' Mackay, Joe 'Il-Parsottu' Cilia, Karm Borg, Sunny Curmi, Josie Urpani, Silvio Rapinett, Frankie Zammit, Alfred 'Il-Waniż' Borg.

*Floriana FC:* Edwin Zammit, Lolly Debattista, Roy Swift, Ġużi Bennetti, John Delia, Joe Cini, Żarenu Alamango, Lolly Borg, Tony 'Il-Majsi' Cauchi, Charlie 'In-Najsu' Bennetti, Pullu 'Il-Koku' Demanuele.

1. Din kienet l-aħħar logħba għar-referee George Bonello f'dan il-kampjonat wara li ftit jiem wara kien bagħat ir-riżenja tiegħu minn referee. Hu kien qal li kien qed jirriżenja għal raġunijiet personali. Huwa però kien irritorna fl-istaġun ta' wara.

2. Kontra kull mistenni Lolly Debattista lagħab f'din il-partita wara li kien ilu mil-logħba ta' Malta kontra l-Awstrija jbati minn uġiegħ fl-irkoppa fejn ma ttrenja xejn fost il-ġimgħa. Min-naħa l-oħra, Freddie Vella James ma setax jilgħab minħabba li l-Armata għażlitu biex jirrapreżentahom fit-tellieqa tal-Cross Country. Minfloku lagħab Ġużi Bennetti.

**03-03-1957**
**Birkirkara FC – Ħamrun Sp. FC 1-1**
**H.T 1-0**
**Ref: Joseph Borg.**
**Skurjaw: L. Bugeja (B) 18' u F. Falzon (Ħ) 72'**
**Att: 1,987**

*Birkirkara FC:* Carmelo Bugeja, Frans Cassar, Johnnie Gatt, George Dalli, Louis 'Ir-Russu' Gauci, Lino Lanzon, Joseph Farrugia, Louis Bugeja, John Camilleri, Ġużi 'Il-Gross' Pisani, Frans 'Il-Lula' Bonnici.

*Ħamrun Sp. FC:* Ġużi 'Yumi' Bonnici, Pawlu Magro, Freddie 'Ix-Xibby' Sciberras, George Jones, Carmelo 'In-Nene' Grech, Effie Borg, Franġisku Formosa, Freddie Falzon, Ġużi 'San Ġużepp' Buttigieg, Leli 'Tirjule' Borg, Mikiel 'Tal-Bandieri' Camilleri.

1. Il-coach ta' Birkirkara FC Fredu Preca kien iddeċieda li jħalli barra diversi pla-yers ta' esperjenza bħall-goalkeeper Lolly Rizzo, Norman Bell, Pawlu Carbonaro u 'Il-Likku' Saliba sabiex introduċa diversi żagħżagħ fejn iddebuttaw l-attakkant John Camilleri li daħal minflok Leli Saliba 'Il-Likku' u l-goalkeeper Carmelo Bugeja li jiġi ħu l-inside forward Louis Bugeja li skorja l-ewwel goal tal-Istripes f'din il-partita.

Klassifika: Sliema Wdrs. FC 18-il pt.; Valletta FC u Floriana FC 15-il pt.; Ħamrun Sp. FC 8 pti.; Hibernians FC 7 pti.; Birkirkara FC u Rabat FC 6 pti.; Marsa FC 3 pti.
(Sliema Wdrs. FC u Marsa FC lagħbu partita inqas)

L-Aqwa Skorers: S. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) 10 goals; T. Cauchi (Floriana FC) 7 goals; T. Nicholl (Sliema Wdrs. FC) u N. Mackay (Valletta FC) 6 goals u L. Borg (Floriana FC) 5 goals.

EuroSport
Malta's Leading Sports & Casual Shops




# Spot the Ball u irbaħ

## Flokk ta' Real Madrid

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2013

Sportiv Magazine, Kompetizzjoni Spot the Ball, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000. Flimkien mat-tweġiba tiegħek ikteb l-isem, il-kunjom, l indirizz u n numru tat-telefon. Ir-rebbieħ jingħata flokk ta' Real Madrid ġentilment mogħti lilna minn Eurosport.

### Soluzzjoni Ħarġa nru. 69

**Ir-Rebbieħa tal-Kompetizzjoni "Spot the Ball" ta' Ħarġa nru. 69 hija:**

**Stephanie Debono - Mosta**





IRBAĦ €150 VOUCHER MA'

TeamSport

# SPORTIV Tisliba

Kull xahar għandek iċ-ċans tirbaħ ma' Sportiv. Ibgħat is-Soluzzjoni tiegħek f'dan l-indirizz sa mhux aktar tard mill-11 ta' Frar, 2013

**Sportiv Magazine Kompetizzjoni Tisliba, c/o A41, Marsa Industrial Estate, Marsa MRS3000.**

Isem ______________

Indirizz ______________

Email ______________

## Soluzzjoni Ħarġa nru. 69

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| K | A | L | A | N | C | | M | | M | | B | J |
| O | | E | | | B | R | E | C | E | L | | E |
| S | V | O | B | O | D | A | | A | | I | | P |
| H | | T | | R | | I | | M | E | L | I | T |
| L | O | T | U | S | | D | A | B | O | | | O |
| A | | A | | A | | E | | R | | L | E | O |
| | B | | S | T | A | R | L | I | T | E | S | |
| L | O | S | C | O | | S | | D | | | T | I |
| | B | | R | | H | | | G | A | M | E | |
| A | B | R | A | H | A | M | | E | | | B | |
| | Y | | B | | L | | K | | S | M | A | S |
| A | | A | B | E | L | | I | S | A | | N | A |
| E | | | L | | E | | S | | M | | | U |
| T | E | L | E | | R | U | S | H | | M | A | X |

Ir-rebbieħ tal-Ħarġa Nru. 69 ta' Jannar 2013 huwa: Chris Giordano - San Gwann

**Mimdudin**

1) It-tiġrijet taż-Żwiemel f'Għawdex hawn isiru (2,6)
5) Simon, bowler Malti (5)
9) Francisco, ċiklist Spanjol ta' fama (7)
10) Cassar, jockey veteran fil-Marsa (6)
12) "..... Arena", il-homeground ta' Coventry City FC (5)
14) Capirossi, motoċiklist Taljan irtirat (5)
15) u 16) Jessica, atleta Brittanika 'tad-deheb' (5)
16) Ara 15 Mimdudin
17) u 20) Sivori, 163 gowl għal River Plate u Juventus (4)
19) Klabb rinomat Franċiż tal-Futbol, illum f'Ligue 2 (6)
20) Ara 17 Mimdudin
23) International Boxing Union (1,1,1)
25) UEFA Champions League (1,1,1)
26) Patzie, żiemel Svediż ta' 14-il sena (4)
28) It-turnamenti tat-Tennis dejjem 'miftuħa' jkunu (4)
29) u 30) Gianluigi "...." Buffon (4)
30) Ara 29 Mimdudin
31) Brian, eks attakkant Irlandiż ta' Hibernians FC (7)
34) Klabb tat-Tieni Diviżjoni Skoċċiża (3)
35) Concetto .. Bello, eks referei Sqalli ta' fama mondjali (2)
36) Hazard, attakkant Belġjan ta' Chelsea FC (4)
38) Georgi, eks kowċ u 'ikona' ta' Pietà Hotspurs (6)
43) "... ... Bowling" (3,3)
44) Emmanuel, l-istilla tal-Haiti fit-Tazza tad-Dinja 1974 (5)

**Weqfin**

1) Glen, plejer ta' Marsa Cricket Club (7)
2) Grech, eks atleta Malti (6)
3) Fernando, sewwieq tal Ferrari (6)
4) Jesmond, editur tal-magażin 'Sportiv' (5)
6) Edafe, eks difensur Niġerjan ta' Hibernians (4)
7) Sándor, 68 partita u 75 gowl għall-Ungerija (6)
8) Association Football Club (1,1,1)
11) Wayne, attakkant ta' Man Utd (6)
13) Qum bil-wieqfa u oqgħod dritt meta tisma dan jindaqq (4)
16) Isem sinonimu ma' futbolers Brażiljani u Potugiżi (4)
18) David, iċ-ċiklist Ingliż imwieled Malta (6)
21) Sebastian, atleta promettenti Malti fl-Ibburdjar (6)
22) Bezzina, internazzjonali Malti fli Snooker (6)
24) Sergio, 379 partita fil-qalba tad-difiża Juventina (4)
26) Albert, eks left-back ta' Liverpool, illum ma' Galatasaray (5)
27) u 40) "..... Kall", żiemel Svediż ta' 9 snin (5)
29) u 39) Schembri, sewwieq Malti tal-Minimoto (5)
32) u 42) Saliba, atleta Malti tat-Triathlon (4)
33) Grech, President tal-Gozo Football Association (5)
36) u 37) Barry, eks gowlkiper ta' Valletta u Sliema (6)
37) Ara 36 Weqfin
39) Ara 29 Weqfin
40) Ara 27 Weqfin
41) "Owens ...", żiemel Franċiż ta' 11-il sena (3)
42) Ara 32 Weqfin


TeamSporT
COM CITY
MY PROUD SPONSOR
Dun Karm Psaila Street, Iklin
t: +356 2142 1383
TeamSporT®
NIKE
adidas
Reebok
lotto
DIADORA
macron
Italian Team Uniforms
Sixtus
uhlsport
asics
UMBRO




# ħallas lil min trid, kullimkien bil-BOV Mobile




Ħallas bil-BOV Mobile - servizz li jippermettilek tħallas lil min trid b'mod faċli bil-mowbajl, tkun fejn tkun. M'għandek bżonn xejn ħlief in-numru tal-mowbajl tal-persuna l-oħra. Daqshekk sempliċi! Niżżel l-applikazzjoni b'xejn u rreġistra llum.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV MOBILE BANKING**
**2131 2020 | bov.com**

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

Available on the App Store
ANDROID APP ON Google play
FREE DOWNLOAD

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta

BOV 31800 Android is a registered trademark of Google Inc.